GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-FINANZI

# Diskors tal-Budget
# 2027

Sur Clyde Caruana
Ministru għall-Finanzi
Malta
26 ta' Ottubru, 2026

Ippubblikat mill-
Ministeru għall-Finanzi,
Triq in-Nofsinhar,
Belt Valletta
VLT 1102

Tel.: (+356) 25998259
Sit Elettroniku: https://finance.gov.mt

**Dejta tal-katalogar tal-pubblikazzjoni**

**Malta.** Ministeru għall-Finanzi
Diskors tal-Budget, 2027 / Clyde Caruana.
Valletta: Ministeru għall-Finanzi, 2026

ISBN: • 978-9918-638-01-7

1. Budget - Malta
I. Titlu II. Clyde Caruana

Din il-Pubblikazzjoni tista' tinxtara mid-
Dipartiment tal-Informazzjoni,
3, Pjazza Kastilja,
Belt Valletta
VLT 2000

Tel.: (+356) 22001700

Mitbugħ fl-iStamperija tal-Gvern
Prezz: **€2.00**

# Werrej

paġna

Kapitlu 1 - Introduzzjoni .......... 1

Kapitlu 2 - Andament Ekonomiku .......... 13

Kapitlu 3 - Miżuri Soċjali .......... 18

Kapitlu 4 - Miżuri Fiskali .......... 26

Kapitlu 5 - Qagħda Fiskali .......... 46

Kapitlu 6 - Ħidma tal-Gvern .......... 55

Kapitlu 7 - Konklużjoni .......... 62

# KAPITLU 1. INTRODUZZJONI

Sur President,

Ħames snin ilu, dan il-pajjiż kellu quddiemu żewġ għażliet.

Konna qed naraw pressjonijiet dejjem jikbru fuq il-prezzijiet tal-enerġija, tal-fjuwils u tal-loġistika.

L-għażla kienet bejn li nħallu dawk iż-żidiet internazzjonali jgħaddu direttament fuq il-poplu, u nħallu lis-suq waħdu jiddetermina kemm kellhom jogħlew il-kontijiet u l-ispejjeż tan-negozji.

Jew inkella, bħala Gvern, nintervjenu biex nipproteġu lill-familji u lin-negozji minn skossi ekonomiċi kbar li ma kellhom ebda kontroll fuqhom jew tort dwarhom.

Sur President, jiena nemmen fis-suq ħieles.

Nemmen li n-negozju, il-kompetizzjoni u l-inizjattiva privata huma l-aqwa mezzi biex ekonomija tikber, toħloq il-ġid u tkun aktar effiċjenti.

Iżda ma nemminx li meta familja jew negozju jintlaqtu minn kriżi li ma ħolquhiex huma, ir-rwol tal-Gvern għandu jkun sempliċement li joqgħod iħares.

Għax f'ċirkostanzi straordinarji, meta jkun hemm riskju serju għall-għajxien tal-familji, għall-kompetittività tan-negozji u għall-istabbiltà ekonomika ta' pajjiż, nemmen li l-Gvern mhux biss għandu d-dritt li jintervjeni, iżda għandu r-responsabbiltà li jagħmel dan.

Dan huwa l-bażi tal-ħsieb wara l-użu tal-politika fiskali għal dawn l-aħħar mitt sena.

U ħames snin ilu, aħna għamilna dik l-għażla.

Għażilna li nipproteġu u mhux l-inċertezza.

Għażilna li ma nħallux il-prezzijiet internazzjonali tal-enerġija jkissru l-pagi tal-ħaddiema, ikissru l-futur tal-familji u jdgħajfu l-kompetittività tan-negozji tagħna.

**Għażilna li l-Gvern jerfa' l-piż biex il-familji u n-negozji jkunu jistgħu jibqgħu mexjin 'il quddiem.**

**Għażilna l-progress u mhux il-passat.**

**Għażilna l-istabbiltà u mhux l-awsterità.**

**U għax għażilna din it-triq, f'Malta mhux qed naraw il-kollass u l-kaos li qed naraw fl-Ewropa.**

**Irrid inżid hawn Sur President, li dak li qed naraw ta' kuljum fuq it-televiżjoni huwa possibbilment biss il-bidu ta' dak li l-Ewropa ser tesperjenza fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin.**

**L-isfidi mistennija li jiżdiedu u jintensifikaw, u mhux jonqsu.**

Għalhekk, id-deċiżjonijiet li ħadna u l-għażliet li qed inkomplu nagħmlu ma jiġux mingħajr kont. Huma għażliet konxji u responsabbli, iżda b'piż finanzjarju kbir.

Kemm jekk inħares lura u kemm jekk inħares 'il quddiem nemmen li dawn id-deċiżjonijiet kienu, huma u ser jibqgħu ta' benefiċċju għal pajjiżna.

Sur President,

Illum, ħames snin wara, qed naraw il-ġirien tagħna jbatu l-konsegwenzi talli ħadu deċiżjonijiet differenti minna.

Fl-Ewropa, qed naraw gvernijiet taħt pressjoni fiskali dejjem akbar. Pajjiżi b'rati ta' dejn pubbliku li jaqbżu l-mija fil-mija tal-prodott domestiku gross, bi spejjeż dejjem jiżdiedu biex jiffinanzjaw dak id-dejn, u b'għażliet diffiċli dwar x'jiġri jekk m'hemmx iżjed minn fejn jiddejnu.

U meta jiġri dan, il-kapaċità li jkollu gvern biex jgħin lin-nies tibda tonqos.

Mhux qed ngħid hekk biex inbeżża', anzi pjuttost biex napprezzaw kemm pajjiżna huwa f'qagħda ferm differenti minn hekk.

Minkejja dawn l-isfidi, l-ekonomija f'Malta baqgħet tikber. Għal din is-sena u li jmiss xorta qed nipproġettaw l-akbar tkabbir ekonomiku fl-Unjoni Ewropea.

Il-qgħad baqa' fost l-inqas fl-Unjoni Ewropea.

U filwaqt li f'diversi pajjiżi d-dejn pubbliku laħaq livelli insostenibbli, f'pajjiżna baqa' stabbli.

Dan ma jfissirx li aħna m'għandniex sfidi.

Anzi.

Jiena l-ewwel wieħed li tkellimt fl-aħħar ġimgħat fuq il-bżonn li l-finanzi pubbliċi tagħna jibqgħu sostenibbli. Jeħtieġ inkomplu nieħdu deċiżjonijiet biex il-Gvern ikun iżjed effiċjenti, responsabbli u aġili.

Mhux se tagħmilni popolari, però, trid issir.

Hekk għamilna fl-aħħar ġimgħat madwar il-Gvern kollu, u jekk is-sitwazzjoni enerġetika tkompli tiddeterjora fil-bidu tas-sena d-dieħla, mhux se nżommu lura milli nkomplu nieħdu l-miżuri meħtieġa.

Nerġa' ntenni dak li ili nsostni dan l-aħħar: filwaqt li s-sussidji jridu jibqgħu, fl-istess waqt irrid naċċerta li l-iżbilanċ finanzjarju jibqa' taħt it-3.0 fil-mija tal-prodott domestiku gross.

Kif kont għedt ftit snin ilu, din maratona mhux sprint u dan il-pajjiż wera li jiflaħ għal din il-ġirja.

**Illum qed nippreżentaw l-aktar Budget importanti fost dawk kollha li ppreżentajt f'dawn is-sitt snin li ilni Ministru tal-Finanzi.**

Għaliex illum mhux se nħabbru biss konsolidazzjoni fiskali u konferma tar-ruħ soċjali ta' dan il-Gvern, iżda, dan il-Budget qed jindirizza numru ta' sfidi f'pajjiżna sabiex nassiguraw li l-livell tal-għajxien f'kull aspett tiegħu jiġi mħares.

Ilna nitkellmu fuq iżjed kwalità fuq kwantità, ilna nitkellmu fuq produttività u llum il-Gvern se jkun qed ikompli jibgħat messaġġ ċar u tond fuq dan ukoll.

Fuq kif se nkomplu ngħaddu għall-fatti.

Sur President,

L-ikbar prijorità ta' dan il-Gvern hija li nkomplu nipproteġu lill-familji.

U għalhekk, minkejja ż-żidiet qawwija li rajna fil-prezzijiet internazzjonali tal-enerġija, dan il-Gvern se jkompli jżomm stabbli l-prezzijiet tal-elettriku, tal-gass u tal-fjuwils.

Ħaddieħor jogħtor fuq din; aħna le.

Din is-sena, l-ispiża fuq dawn is-sussidji u għajnuniet relatati mistennija tersaq lejn l-€400 miljun.

U s-sena d-dieħla se nerġgħu nonfqu madwar €400 miljun oħra.

Dawn huma somom kbar, iżda rridu nifhmu wkoll x'kien ikun il-prezz li pajjiżna kien ikollu jħallas kieku ma għamilniex dan l-investiment.

In-nies jafu x'kienu l-konsegwenzi fuqhom u fuq ta' madwarhom meta għolew il-kontijiet f'pajjiżna.

Meta nikkunsidraw dawn il-konsegwenzi, toħroġ ir-raġuni għaliex dan il-Gvern qed jerġa' jagħżel li jagħti din il-protezzjoni.

U rrid inkun ċar - mhu se niċċaqalqu lanqas pulzier minn din il-politika.

Iżda l-għażliet tagħna ma jiqfux hawn.

Dan il-Budget se jkompli bil-programm ta' tnaqqis fit-taxxa mħabbar is-sena li għaddiet, biex inkomplu nnaqqsu l-piż tat-taxxa fuq il-familji bit-tfal.

Se nkomplu nżidu l-pensjonijiet kif wegħidna.

Se nkomplu nsaħħu l-għajnuniet soċjali, b'mod partikolari għal dawk li l-aktar għandhom bżonn l-għajnuna.

Però, niżbaljaw jekk inqisu dawn l-għajnuniet bħala xi premju jew riżultat ta' xi rkant politiku, għaliex fl-aħħar mill-aħħar, dawn huma impenji li jridu jitħallsu mill-finanzi tal-pajjiż.

U r-responsabbiltà tagħna mhijiex biss li nwettqu dak li wegħidna, iżda li nagħmlu dan mingħajr ma npoġġu f'riskju l-kapaċità tal-Gvern li jibqa' jgħin lill-familji, speċjalment dawk fil-bżonn.

Dawn il-miżuri mhux se nkunu qed niffinanzjawhom billi nżidu l-piż tat-taxxi fuq il-familji.

Inkella nkunu qed nagħtu minn naħa u nieħdu min-naħa l-oħra.

Kif diġà wegħidna fil-ġimgħat li għaddew, mhux se nżidu r-rati tat-taxxa fuq id-dħul. Anzi, se nkomplu fuq il-programm li beda s-sena l-oħra ta' tnaqqis fit-taxxa.

Mhux se nżidu r-rata tal-VAT.

U mhux se nżidu l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

Minflok sejrin indaħħlu miżuri biex niġġeneraw aktar fondi ħalli nkomplu nsaħħu l-infrastruttura biex tkun adegwata għaż-żieda fl-attività ekonomika.

Se ndaħħlu miżuri biex nibagħtu sinjali ċari biex taċċellera l-evoluzzjoni tal-ekonomija tagħna għal waħda ta' produttività għolja u ta' valur aħjar.

B'dawn il-miżuri rridu ndaħħlu sens aħjar ta' bilanċ. Irridu li l-Maltin jibqgħu komdi f'pajjiżna, u l-barrani li qed iżurna jew jiġi jgħix fostna, nilqgħuh kif dejjem għamilna, imma jkun huwa wkoll li jikkontribwixxi lejn il-pajjiż għal dak li qed jirċievi lura.

Sur President,

Sar ħafna diskors fil-passat fuq il-mudell ekonomiku ta' pajjiżna.

Mudell li ħoloq tkabbir li offra opportunitajiet u li kabbar id-dħul tal-Gvern biex ippermettielna ninvestu aktar fl-għajnuniet soċjali.

Iżda ilkoll naqblu li wasal iż-żmien biex nimxu għal-livell li jmiss fl-iżvilupp ta' pajjiżna.

Il-prijoritajiet tan-nies inbidlu, u allura l-mudell ekonomiku tagħna irid jevolvi, u fir-rigward ta' dan, dan il-budget se jibda jindirizza u jwitti t-triq 'il quddiem biex dan iseħħ.

Meta f'pajjiżna kien hawn il-qgħad, kien jagħmel sens li jkollna tkabbir ekonomiku li jiġġenera iżjed impjiegi. Illum dan ma għadux il-kas.

Is-suċċess li kellna f'ħafna oqsma, insemmi per eżempju dak tant meħtieġ tat-turiżmu, ifisser li ż-żieda fl-attività qed toħloq

domanda dejjem akbar fuq l-infrastruttura, fuq is-servizzi tas-saħħa, fuq l-enerġija u fuq ir-riżorsi limitati ta' pajjiżna.

Dawn il-pressjonijiet għandhom prezz. Prezz li huwa importanti li ma jinġarrx biss mill-kontribwenti Maltin u Għawdxin, imma li għandu jkun mifrux fuq min qed ikun ukoll fattur għal din il-pressjoni.

Ir-risposta tagħna ma tridx tkun populista jew irrazzjonali. Dik li ngħidu li rridu nnaqqsu l-attività ekonomika. Għax dik ikollha konsegwenzi negattivi kbar.

Minflok irridu li noħolqu ambjent fejn fuq naħa niġġeneraw dħul biżżejjed għall-Gvern ħalli nkunu nistgħu ninvestu u ntejbu l-infrastuttura biex din tlaħħaq ma' attività akbar.

U fuq l-oħra rridu li l-operaturi ekonomiċi nidderiġuhom lejn attività li toħloq valur miżjud aqwa u b'anqas pressjonijiet fuq l-infrastruttura tagħna.

Dan mhuwiex argument kontra l-investiment jew kontra l-ħaddiema barranin. Anzi huwa argument favur ekonomija fejn il-prezz tal-attività ekonomika jirrifletti aħjar l-ispejjeż reali tagħha, u fejn in-negozji jkollhom inċentiv jinvestu aktar fit-teknoloġija, fil-ħiliet u fil-produttività.

Huwa wkoll argument biex nassiguraw li l-attività ekonomika dejjem aktar twassal għal qabża fil-kwalità tal-ħajja tan-nies. Li tirrispondi għar-realtajiet u prijoritajiet ġodda ta' poplu li

llum qed jaspira għal affarijiet li forsi fil-passat kien jgħaddi mingħajrhom, għax kellu bżonnijiet aktar urġenti.

Dan huwa Gvern li jisma' lin-nies u għalhekk irridu nirrispondu għar-realtajiet li żviluppaw u nindirizzaw l-impatt li kellu l-pass mgħaġġel tat-tkabbir ekonomiku, u l-impatt li dan qed iħalli fuq il-kwalità tal-ħajja tagħhom.

Għalhekk dan huwa Budget li qed isaħħaħ ħafna l-inċentivi biex naċċellerraw l-evoluzzjoni ekonomika ta' pajjiżna u jagħti sens ċar ta' direzzjoni lejn fejn irridu nkomplu mexjin.

Għandna pajjiż żgħir, b'riżorsi limitati, u għalhekk irridu nagħfsu aktar fuq dawk l-għażliet li jwassluna lejn ekonomija aktar produttiva, aktar effiċjenti u li toħloq aktar valur.

Ekonomija fejn in-negozji jinvestu aktar fit-teknoloġija, fid-diġital, fl-immodernizzar u fil-ħiliet u mhux l-ewwel għażla tkun li nħaddmu aktar nies.

Ekonomija fejn il-qligħ u l-kompetittività jiġu dejjem aktar mill-produttività.

B'hekk it-tkabbir ekonomiku jkun dejjem aktar il-mezz li bih intejbu l-kwalità tal-ħajja tal-poplu tagħna.

U biex niksbu dan irridu nużaw ukoll l-għodod tal-politika fiskali biex nibagħtu sinjal ċar dwar liema attivitajiet irridu

ninkoraġġixxu, liema dipendenzi rridu nnaqqsu, u lejn liema direzzjoni rridu nimxu lejha bħala ekonomija.

Sur President,

Dan huwa mument fejn pajjiżna jinsab f'salib it-toroq, u dan il-Gvern qed jibgħat messaġġ ċar dwar id-direzzjoni li jrid jieħu. L-għażla mhix bejn li nkomplu nkabbru l-ekonomija jew li nieqfu nikbru.

Għax jekk mhux se nagħmlu l-qabża lejn aktar valur, aktar produttività u kwalità ta' ħajja aħjar, it-tkabbir tagħna xorta jispiċċa jieqaf.

Issa huwa ż-żmien fejn irridu ninbidlu għax irridu nibqgħu mexjin 'il quddiem.

Għalhekk illum dan il-Gvern qed jagħżel li jkompli jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa.

Dan huwa Budget ta' responsabbiltà. Mhux biss fil-finanzi tal-pajjiż, iżda wkoll fis-sostenibbiltà soċjali u ekonomika ta' Malta u Għawdex.

Għax għalija, Sur President, il-progress ekonomiku għandu dejjem iwassal għall-progress uman.

Quddiemna għandna Oppożizzjoni li tkellmet ħafna dwar il-bidla fil-mudell ekonomiku, iżda l-bidla ma ssirx bil-kliem jew bil-populiżmu.

Dan il-Gvern qed jagħżel li jieħu dawk id-deċiżjonijiet, b'responsabbiltà u b'direzzjoni ċara għall-futur ta' pajjiżna.

**Għax fl-aħħar mill-aħħar, il-kejl tas-suċċess tagħna mhuwiex biss kemm tikber l-ekonomija, iżda kemm titjieb il-ħajja tal-Maltin u l-Għawdxin u l-benesseri tagħhom.**

# KAPITLU 2. ANDAMENT EKONOMIKU

Sur President,

Qegħdin inressqu dan il-Budget f'mument meta d-dinja għadha qed tħabbat wiċċha ma' inċertezza kbira. Il-gwerra fl-Ukrajna, it-tensjonijiet fil-Lvant Nofsani, l-Istrett ta' Hormuz bil-konsegwenti u tfixkil fil-kummerċ internazzjonali komplew jgħollu l-ispejjeż tal-enerġija u tat-trasport. Għal pajjiż żgħir u miftuħ bħal tagħna, dawn mhumiex aħbarijiet imbiegħda. Huma sfidi li jistgħu jolqtu direttament lill-familji, lill-ħaddiema u lin-negozji Maltin u Għawdxin. Meta jogħla l-prezz tal-enerġija, mhux biss jiżdied il-kont tad-dawl; tiżdied ukoll l-ispiża tal-produzzjoni, tat-trasport u tal-prodotti fuq l-ixkafef tal-ħwienet.

Iżda, Sur President, quddiem dawn l-isfidi, Malta kompliet tikber u turi reżiljenza qawwija. Fl-2025, l-ekonomija tagħna kibret b'4.7 fil-mija f'termini reali. Fl-ewwel sitt xhur tal-2026, it-tkabbir laħaq 4.4 fil-mija, meta l-medja tal-Unjoni Ewropea kienet ta' 1.2 fil-mija. Dan ifisser li, minkejja l-pressjonijiet minn barra, pajjiżna baqa' jikber b'ritmu ferm aktar mgħaġġel minn dak Ewropew.

Dan it-tkabbir għandu sisien sodi. Fl-ewwel nofs tal-2026, il-konsum tal-familji żdied bi 3.4 fil-mija u l-investiment bi 8.2 fil-mija. It-turiżmu baqa' jsaħħaħ l-attività ekonomika, flimkien mas-servizzi u mal-esportazzjoni ta' prodotti elettroniċi. Fl-istess żmien, l-impjiegi żdiedu b'4.6 fil-mija. Il-kumpens għal kull impjegat żdied b'5.1 fil-mija, sinjal ta' suq tax-xogħol dinamiku, għalkemm irridu nkomplu naħdmu sabiex intejbu l-produttività u l-ħiliet tal-ħaddiema tagħna. Dawn mhumiex biss statistiċi:

warajhom hemm negozji li qed jinvestu, ħaddiema u żgħażagħ li qed isibu opportunitajiet u familji li jistgħu jippjanaw il-futur b'aktar fiduċja.

Il-prospetti tagħna jibqgħu pożittivi, iżda realistiċi. Qegħdin inbassru, b'ċerta prudenza, tkabbir ekonomiku reali ta' 4.1 fil-mija fl-2026 u 3.8 fil-mija fl-2027. Il-konsum privat huwa mistenni jikber bi 3.9 fil-mija din is-sena u bi 3.8 fil-mija s-sena d-dieħla. L-investiment huwa mbassar li jiżdied b'10.2 fil-mija fl-2026 u b'7.0 fil-mija fl-2027. Fis-suq tax-xogħol, qed nipproġettaw li r-rata tal-qgħad tibqa' baxxa, ta' 3.3 fil-mija fl-2026 u 3.2 fil-mija fl-2027. Għall-2027 qed nistennew ukoll żieda ta' 2.0 fil-mija fl-esportazzjonijiet, filwaqt li l-kontribut tal-esportazzjoni netta għat-tkabbir mistenni jerġa' jkun wieħed pożittiv.

Sur President,

Dawn il-previżjonijiet ma jfissrux li m'hemmx riskji. Id-domanda minn barra għadha dgħajfa, u xokkijiet ġodda fil-prezzijiet internazzjonali jistgħu jaffettwaw il-prezzijiet tal-importazzjonijiet. Għalhekk, dan il-Gvern ma qagħadx jistenna li l-problemi jaslu fil-kontijiet tan-nies. Għażilna li nżommu stabbli l-prezzijiet tad-dawl u tal-fjuwils. Din hija għażla ekonomika u soċjali maħsuba biex tipproteġi l-qagħda ekonomika tal-familji tagħna u tħares il-kompetittività tal-intrapriżi. Tagħti ċertezza lill-familji dwar il-kontijiet tagħhom u lin-negozji li jridu jippjanaw l-attività u l-investimenti tagħhom għal quddiem.

Ħarsu ftit lejn dak li qed jiġri barra minn xtutna. Fl-Italja, l-awtorità regolatorja ħabbret żieda ta' 37.3 fil-mija fil-kont tal-elettriku

għar-raba’ kwart ta’ din is-sena għal ċertu kategoriji ta’ klijenti. Fi Franza, it-tensjonijiet soċjali u politiċi li qed naraw illum għandhom fost il-kawżi tagħhom it-tħassib dwar l-għoli tal-ħajja u s-servizzi pubbliċi.

Ma nistgħux nattribwixxu dawn id-diffikultajiet kollha lill-enerġija, iżda jfakkruna kemm il-pressjonijiet fuq il-familji jistgħu jsiru kwistjoni ta’ stabbiltà soċjali.

Dan il-Gvern qatt ma baqa’ b’idu fuq żaqqu waqt li l-ispiża tal-enerġija dejjem tiżdied. Se nibqgħu niżguraw li l-familji ma jitħallewx jitħabtu waħidhom biex ilaħħqu mal-ħajja u li n-negozji ma jkunux imfixkla minn spejjeż operattivi insostenibbli. Il-Gvern għażel u se jibqa’ jagħżel li jerfa’ dan il-piż kollu hu. Din is-sena, is-sussidji sabiex ma jiżdidux il-prezzijiet tal-enerġija u l-fjuwils mistennija jiswew lill-Gvern madwar €392 miljun. Matul l-aħħar snin, bejn l-2022 u l-2026, l-ispiża ta’ dawn is-sussidji ammontat għal €1.35 biljun. Dan ifisser li ċ-ċittadin Malti iffranka €1.35 biljun fil-kontijiet tad-dawl u fi fjuwil; €1.35 biljun li baqgħu fil-bwiet tan-nies u n-negozji tagħna.

Tajjeb li nfakkar, Sur President, li mingħajr dawn is-sussidji, l-ispiża tad-diżil tiżdied minn €20 għal €33.06 fil-ġimgħa għal kull karozza, filwaqt li l-kontijiet tad-dawl jiżdiedu minn €50 għal €85 fix-xahar. Dan ifisser li dar medja b’żewġ karozzi diżil qed tiffranka medja ta’ €2,000 f’sena f’sussidju bejn fjuwil u dawl. Dawn mhumiex żidiet marġinali; huma piżijiet addizzjonali sostanzjali li jolqtu d-dħul disponibbli, iżidu l-ispejjeż għan-negozji, u fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għal żieda fl-ispiża tal-għajxien inġenerali. Dan il-Gvern mhux se jħalli lill-familji jġorru l-piż sħiħ ta’ dawn il-

pressjonijiet, u lanqas mhu se jabbanduna n-negozji biex jerfgħu spejjeż li jheddu l-kompetittività tagħhom. L-impenn tagħna huwa ċar: li nipproteġu lill-familji, nissalvagwardjaw l-attività ekonomika u nipprovdu stabbiltà filwaqt li nibqgħu konxji mir-responsabbiltà finanzjarja tal-Gvern.

Għandna wkoll prova ekonomika tal-valur ta' din il-politika. Simulazzjoni interna turi li, kieku s-sussidji jitneħħew f'daqqa fl-2026, u l-prezzijiet tal-elettriku u tal-fjuwil jogħlew b'70.0 u 65.0 fil-mija rispettivament, il-prodott domestiku gross PDG reali jkun 0.9 fil-mija taħt ix-xenarju bażi fl-ewwel sena u 2.2 fil-mija taħtu sat-tielet sena.

Id-dħul disponibbli reali tal-familji jkun 3.2 fil-mija inqas fl-ewwel sena, u 6.4 fil-mija inqas fit-tielet sena. Is-simulazzjoni tindika wkoll li l-prezzijiet tal-konsumatur ikunu 4.9 fil-mija ogħla fl-ewwel sena u li sat-tielet sena jkun hemm madwar 2,600 persuna oħra qiegħda. Dan mhuwiex tbassir ta' x'se jiġri, iżda twissija ċara dwar x'jista' jiġri mingħajr din il-protezzjoni. Il-kumpens tal-għoli tal-ħajja għal min iħaddem kieku jispara għal €18.05 fil-ġimgħa.

Lanqas l-inflazzjoni ma nistgħu ninjorawha. F'Settembru, ir-rata tal-inflazzjoni f'Malta kienet ta' 2.4 fil-mija, meta fiż-żona tal-ewro kienet ta' 3.8 fil-mija. Għall-2026 u l-2027 qed inbassru inflazzjoni ta' 2.5 u 2.7 fil-mija rispettivament. Dan juri l-valur tal-istabbiltà fil-prezzijiet tal-enerġija, mingħajr ma ninsew li l-prezzijiet tal-ikel u tas-servizzi għadhom joħolqu pressjonijiet reali. F'dan il-kuntest irrid inħabbar Sur President, li ż-żieda għall-għoli tal-ħajja se tkun dik ta' €6.41 fil-ġimgħa.

Nistgħu nżommu din il-linja għaliex matul is-snin ħadna ħsieb il-qagħda finanzjarja tal-pajjiż. F'Ġunju li għadda, Malta ħarġet mill-proċedura Ewropea tad-defiċit eċċessiv; id-dejn jibqa' ferm taħt il-limitu Ewropew, u d-defiċit taħt it-3.0 fil-mija. Din il-prudenza tagħtina l-kredibbiltà u l-ispazju biex nilqgħu għax-xokkijiet, mingħajr ma ngħabbu lill-familji u n-negozji biż-żidiet li ġejjin minn barra.

**Sur President, il-messaġġ huwa wieħed ċar.** Qed inżommu ekonomija li tikber, suq tax-xogħol b'saħħtu u prezzijiet tal-enerġija stabbli. Se nibqgħu nipproteġu lill-familji u lin-negozji, filwaqt li ninvestu fil-produttività, fil-ħiliet u fl-infrastruttura tal-enerġija. Għax l-istabbiltà ma tiġix b'kumbinazzjoni: tinbena b'deċiżjonijiet responsabbli, u tinħass fil-ħajja ta' kuljum tal-poplu Malti u Għawdxi.

## KAPITLU 3. MIŻURI SOĊJALI

Sur President, il-kelma tagħna kuntratt u għalhekk se nissoktaw inwettqu dak li wegħidna fil-Manifest Elettorali mingħajr dewmien. Minkejja l-isfidi ġeopolitiċi li qed jolqtu lilna wkoll, illejla qiegħed hawn inħabbar pakkett ieħor b'saħħtu ta' miżuri soċjali li jaqbeż il-€121 miljun.

Filwaqt li bi pjaċir se nkun qed inħabbar, fost oħrajn, aktar titjib fil-pensjonijiet, nixtieq inserraħ moħħ il-ħaddiema li għadhom iridu jirtiraw, li kif wegħidniehom, la l-età tal-irtirar u lanqas ir-rati tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ma huma se jogħlew u dawn se jibqgħu l-istess.

Qegħdin f'qagħda li naffermaw mill-ġdid dan għaliex għandna ekonomija b'saħħitha u għax minkejja kull għawġ madwarna, il-finanzi jibqgħu fis-sod. Barra minn hekk, fl-aħħar rapport strateġiku dwar il-pensjonijiet, kien hemm titjib fl-adegwatezza u s-sostenibbiltà tas-sistema tal-pensjonijiet fil-pajjiż.

Il-Paga Minima Nazzjonali fl-2027 se tiżdied €10.41 fil-ġimgħa liema żieda tinkludi l-COLA, grazzi għall-ftehim tal-2023 bejn l-Imsieħba Soċjali u l-Gvern. F'dan ir-rigward, il-Gvern dalwaqt se jkun qiegħed jaħtar mill-ġdid il-Kummissjoni dwar il-Pagi Baxxi sabiex flimkien mal-Imsieħba Soċjali, is-sena d-dieħla jsir ftehim ġdid dwar kemm għandha tkun il-Paga Minima Nazzjonali mill-2028 'il quddiem.

Minkejja din iż-żieda fil-Paga Minima Nazzjonali, min qiegħed fuq din il-Paga Minima se jibqa' ma jħallasx taxxa, kontra kif kien

jiġri taħt ta' qabilna. Anke l-pensjonanti mhux biss se jibqgħu ma jħallsux taxxa fuq il-pensjoni iżda wkoll se nżidulhom il-limitu li fuqu ma jħallsux taxxa, kif se nħabbar dalwaqt.

## Riforma importanti

Għaldaqstant, is-sena d-dieħla se nkunu qed nagħmlu riforma importanti oħra. Kif wegħidna, mill-2027 'il quddiem se jkun permess li jsir trasferiment ta' kontribuzzjonijiet bejn konjuġi li jkollu pensjoni għal konjuġi li ma jkollhiex pensjoni. Dan se jsir taħt ċerti parametri li se jitħabbru fil-jiem li ġejjin bl-għan ikun li aktar konjuġi, speċjalment nisa miżżewġa, jiġu intitolati għal pensjoni u b'hekk ipattu għaż-żmien li fih, anke legalment, kien ikollhom jieqfu mix-xogħol meta jiżżewġu.

Permezz ta' miżuri suċċessivi, mill-2021 'l hawn, qrib 4,000 mara miżżewġa bdew jirċievu pensjoni għall-ewwel darba. Bil-miżura l-ġdida tas-sena d-dieħla, se jibbenefikaw madwar 3,200 mara miżżewġa oħra biex b'hekk se nkunu b'kollox ilqatna 7,000 mara miżżewġa li saru jew se jkunu saru pensjonanti għall-ewwel darba, u li kieku mingħajr dawn il-miżuri, ma kienx ikun possibbli għalihom isiru pensjonanti.

## Aktar miżuri għall-pensjonanti

Minbarra din il-miżura innovattiva u ta' ġustizzja soċjali, se nħabbar aktar miżuri għall-pensjonanti:

- Minn Jannar li ġej, il pensjoni tal-irtirar, tal-invalidità, ir-romol u kif ukoll l-anzjani li jirċievu l-pensjoni tal-età se jingħataw żieda ta' €10 fil-ġimgħa. Din ser tkun l-ewwel żieda mill-€50

fil-ġimgħa li wegħidna tul il-kampanja elettorali. Iż-żieda, li kif wegħidna tinkludi ż-żieda għall-għoli tal-ħajja, tkompli mal-katina ta' żidiet fil-pensjonijiet li tajna fis-snin li għaddew. Mill-2013 'l hawn il-pensjonanti kollha se jkunu żdiedu b'mill-anqas €92.40 fil-ġimgħa, b'eluf kbar minnhom jieħdu żidiet saħansitra ferm akbar bis-saħħa ta' miżuri oħra. L-anqas pensjoni llum issa qabżet l-ogħla pensjoni li kienu jħallsu ta' qabilna, Sur President.

- Id-Dħul Pensjonabbli Massimu tal-pensjonanti mwielda qabel l-1962 se jiżdied għal €28,000. Madwar 15,000 pensjonant, fosthom pensjonanti romol, se jibbenefikaw minn żieda addizzjonali. B'hekk se nkomplu nindirizzaw din l-anomalija, li kif wegħidna fil-Manifest, se tkun tneħħiet għalkollox sal-2028.

- Is-sena d-dieħla se nagħlqu proċess li bdejna fl-2022 bil-għan li r-romol ikunu intitolati għall-pensjoni sħiħa li kienu jirċievu l-konjuġi tagħhom, kieku baqgħu ħajjin. B'dan l-aġġustament, aktar minn 7,000 romol se jkollhom żieda oħra fil-pensjoni tagħhom u r-romol kollha issa se jkunu qed igawdu minn pensjoni sħiħa taż-żewġ terzi–wegħda oħra elettorali mwettqa.

- Anomalija oħra li se nkunu neħħejna sas-sena d-dieħla u wegħda oħra mwettqa hija d-diskrepanza fir-rati tal-bonus tal-għoli tal-ħajja li jitħallsu l-pensjonanti flimkien mal-pensjoni. Irrispettivament mis-sena li fiha rtiraw, kull pensjonant fl-2027 se jitħallas l-istess rata fissa ta' €21.53 fil-ġimgħa.

- Il-limitu tad-dħul minn pensjonijiet, li fuqu ma titħallasx taxxa, se jiżdied b'€520 fis-sena għal €37,624 fis-sena.

- Pensjonanti tas-servizz mill-ġdid se jkollhom żieda fl-ammont ta' pensjoni tas-servizz li ma jiġix ikkunsidrat tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali. Kif wegħidna, flok b'€200, mis-sena d-dieħla l-ammont ta' pensjoni tas-servizz injorat se jibda jiżdied bi €300 fis-sena. Barra minn hekk, għal dawk il-pensjonanti tas-servizz li jilħqu l-età ta' 72 sena, l-ammont kollu kkommutat mill-pensjoni tas-servizz se jkun injorat.

- Eks membri tal-korpi dixxiplinati li jieħdu pensjoni tas-servizz, iżda li ma jitħallsux pensjoni tas-sigurtà soċjali, u li mhumiex fl-impjieg, tul il-leġislatura li għaddiet ingħataw id-dritt li jirċievu ż-żieda għall-għoli tal-ħajja, maqsuma f'żewġ pagamenti fis-sena bħala bonus. Kif imwiegħed fil-Manifest Elettorali, mis-sena d-dieħla huma ser ikunu intitolati wkoll għall-istess ammont ta' żieda li tingħata lill-pensjonanti tas-sigurta' soċjali. Għaldaqstant, is-sena d-dieħla l-bonus tagħhom se jiżdied b'€520 fis-sena.

- Persuni b'diżabilità li jirċievu pensjoni kontributorja u li qabel kienu jirċievu xi forma ta' benefiċċju għad-diżabilità, jew pensjoni għall-korriment fuq ix-xogħol, riċentement mal-pensjoni bdew jitħallsu 10.0 fil-mija tal-benefiċċju li kienu intitolati għalih qabel laħqu l-età tal-irtirar u tilfuh meta ħadu l-pensjoni. Mis-sena d-dieħla, dan il-persentaġġ se jiżdied għal 20.0 fil-mija sakemm eventwalment fis-snin li ġejjin kif wegħidna, jitla' għal 50.0 fil-mija.

- Għal dawk il-persuni, l-aktar nisa miżżewġa, li minkejja l-miżuri li semmejt aktar qabel, xorta waħda ma jikkwalifikawx għall-pensjoni għax ma jkollhomx bolol biżżejjed, mis-sena d-dieħla r-rata tal-bonus li jirċievu, kif wegħidniehom, ser tibda tiżdied bl-istess ammont taż-żieda li tingħata għall-għoli tal-ħajja. Għalhekk, ir-rati tal-bonus is-sena d-dieħla se jiżdiedu bi €333.32 fis-sena u se jvarjaw bejn €933 u €1,383 fis-sena.

Sur President, ir-ruħ soċjali ta' dan il-Gvern mhux se tieqaf hawn. Fil-mira tagħna jibqgħu l-familji bit-tfal, il-ħaddiema u l-persuni vulnerabbli. Għalhekk ngħaddi issa sabiex inħabbar numru ta' miżuri soċjali għas-sena d-dieħla:

- Mill-ġdid se nħaddmu l-mekkaniżmu addizzjonali tal-COLA sabiex familji u persuni bi dħul baxx jew medju jingħataw ħlas addizzjonali biex ilaħħqu aħjar mal-ħajja, b'pagamenti li jvarjaw minn minimu ta' €200 sa massimu ta' €1,500 fis-sena, skont id-dħul disponibbli u l-għadd ta' membri fil-familja. B'kollox se jibbenefikaw 'il fuq minn 100,000 familja, l-aktar pensjonanti, persuni singoli u koppji, u familji bit-tfal.

- Fl-ewwel nofs tas-sena l-ġdida, madwar 14,000 familja se jkunu intitolati għal ħlas ta' €500 għal kull wild f'edukazzjoni postsekondarja. Il-pagament se jkun it-tielet u l-aħħar wieħed għal dawk il-familji li saru eliġibbli fl-2025 u t-tieni wieħed għal dawk li bdew jibbenefikaw minn din is-sena, u l-ewwel wieħed għal dawk li għadhom kemm bdew l-edukazzjoni postsekondarja issa.

- Fl-2027 se nibdew it-triq sabiex kif wegħidna, il-Carers Grant li titħallas lil ġenituri li ma jistgħux jaħdmu minħabba d-diżabilità severa ta' wliedhom, tiġi ewkivalenti għall-Paga Minima Nazzjonali netta. Bħala l-ewwel pass għal dan, is-sena d-dieħla l-Carers Grant se titla' għal €7,500 fis-sena. Barra minn hekk, dawk il-ġenituri li ma jaħdmux iżjed minn 20 siegħa part-time fil-ġimgħa, ser jibdew jibbenefikaw xorta mill-għotja iżda bir-rata preżenti ta' nofs il-Paga Minima Nazzjonali netta.

- Il-benefiċċju fir-rigward tal-iskema Carer at Home li titħallas lill-anzjani li jimpjegaw carer full-time ser tiżdied bi €800 oħra għal €9,800 fis-sena.

- Kif wegħidna fil-Manifest Elettorali, l-għotja għall-adozzjoni se tiżdied għal €15,000 tul il-leġislatura. Bħala l-ewwel pass, is-sena d-dieħla r-rimborż tal-ispejjeż se jiżdied b'€1,000 għal €13,000 għal familji li jaddottaw tfal minn barra 'l pajjiż.

- Mis-sena d-dieħla, persuni li jaħdmu u li jibdew jiffosterjaw, se jkollhom dritt għal leave addizzjonali ta' 10 ijiem ta' xogħol, jiġifieri l-ekwivalenti tal-leave tal-paternità, li se jagħmel tajjeb għalih il-Gvern, sabiex dawn il-persuni nagħtuhom iċ-ċans li jagħmlu ftit żmien ta' bonding mat- tfal fdati lilhom. Dan se nagħmluh ukoll sabiex dawn it-tfal li jkunu b'ordni ta' ħarsien nagħtuhom l-aqwa kura alternattiva possibbli.

- Bħala parti mill-Aftercare Policy għal żgħażagħ f'kura alternattiva, se nfasslu qafas ta' appoġġ u benefiċċji biex ngħinu liż-żgħażagh jgħaddu għal ħajja indipendenti wara

żmien jgħixu f'istituzzjonijiet għall-adolexxenti. Il-programm jassigura li dawn iż-żgħażagħ ma jitħallewx ifendu għal rashom iżda jingħataw kull għajnuna biex isibu saqajhom fil-ħajja indipendenti. Huma se jkollhom il-garanzija ta' aċċess għall-edukazzjoni u taħriġ, u saqaf taħt rashom, b'għajnuna li tibda tingħata meta jagħlqu 17-il sena u tibqa' tgħodd sakemm jagħlqu 21 sena, u tkun addizzjonali ma' kull ħlas ieħor relatat mal-edukazzjoni, inkluż l-istipendju. Din l-għajnuna, inkluża l-għajnuna edukattiva, mill-anqas tkun fl-istess livell tal-assistenza soċjali li tingħata lil persuni singoli.

- L-Allowance Supplimentari għal Orfni se tkun estiża mill-età ta' 21 sena sa 25 sena, f'każ li tali orfni jkun għadu fl-edukazzjoni terzjarja, jew sa 6 xhur wara li jiggradwa u jibda jaħdem, liema tiġi l-ewwel. Ir-rata f'dan il-każ tkun ogħla u se tkun ta' €170 fil-ġimgħa sabiex dawn iż-żgħażagħ ngħinuhom bl-aħjar mod possibbli.

- Kif wegħidna fil-Manifest Elettorali, u għax nafu li intervent bikri u terapija minn età żgħira huma l-akbar investiment għall-inklużjoni vera, se nkunu qed ngħinu fl-ispejjeż kollha marbuta ma' terapiji meħtieġa għal tfal b'diżabilità taħt it-18-il sena.

- Mis-sena d-dieħla, se nwessgħu l-lista ta' kategoriji ta' persuni li jingħataw krediti tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Fil-fatt se jingħataw sa sentejn ta' krediti lil impjegati li jqattgħu perjodu temporanju barra mix-xogħol minħabba problemi ta' saħħa mentali jew minħabba vjolenza domestika. Se nagħtu l-krediti wkoll lil żgħażagħ bi problemi ta' mġiba li jgħaddu

żmien jirriabilitaw ruħhom, inkluż fuq ordni ġudizzjarja, biex jintegraw lura fis-soċjetà u fl-istess ħin jitħarrġu f'sengħa u jkunu mgħejuna jiftħu negozju għal rashom jew isibu impjieg.

- Iż-żieda fil-Paga Minima Nazzjonali li ħabbart aktar qabel, inkluż il-COLA, se jkunu riflessi f'rati ogħla li jitħallsu lil madwar 15,000 persuna b'diżabilità u carers u persuni li jirċievu l-assistenzi soċjali. L-Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa se tkun qed tiżdied b'€9.37 fil-ġimgħa waqt li l-Assistenza għal Diżabilità Severa, l-Assistenza għal Diżabilità, l-Assistenza għal Persuni b'Vista Batuta, il-Benefiċċju għal Diżabiltà, l-Allowance Miżjuda għal Carers, l-Allowance għal Carers u l-Assistenza Soċjali se jiżdiedu b'€6.41 fil-ġimgħa.

## Għeluq tal-iskemi tal-anomaliji

Kif kien ippjanat, is-sena d-dieħla se ntemmu wkoll l-erba' skemi ta' kumpens li għadhom fis-seħħ, għal anomaliji jew inġustizzji tal-passat u li japplikaw għal eks ħaddiema tal-Malta Drydocks u tal-Malta Shipbuilding, eks ħaddiema tal-Gas Board, persuni li kienu ingaġġati mal-Korporazzjoni Telemalta bejn l-1 ta' Jannar 1978 u l-15 ta' Jannar tal-1979, u eks impjegati tar-Rediffusion Group of Companies li kienu assimilati mal-Korporazzjoni Telemalta fl-1975, u persuni oħra ingaġġati fil-fergħa tax-xandir tal-korporazzjoni qabel l-1 ta' Jannar 1978. B'hekk, se nkunu qed intemmu 11-il sena ta' ħlasijiet ta' kumpensi lil 9,000 persuna jew l-eredi tagħhom li b'kollox jammontaw għal €105 miljun.

# KAPITLU 4. MIŻURI FISKALI

Sur President,

Dan huwa Gvern li jisma', jixtarr u jifhem dak li jkun qed jingħad mid-diversi oqsma tas-soċjetà. Kuntrarju għal dak li qed naraw jiġri lil hinn minn pajjiżna, l-ekonomija tagħna, b'riżultat għad-deċiżjonijiet li ħadna u li se nkomplu nieħdu, mistennija tibqa' waħda robusta u tkompli tikber bl-akbar rata fl-Ewropa. Dan it-tkabbir, filwaqt li joħloq il-ġid u aktar 'il quddiem ser inkun qed ngħid kif se jitqassam, iġib miegħu ukoll ċerti sfidi li jaffettwaw lil kulħadd fil-ħajja ta' kuljum.

Għaldaqstant, f'dan il-Budget ser nieħdu numru ta' deċiżjonijiet sabiex nilħqu aktar bilanċ bejn it-tkabbir ekonomiku u l-effetti li dan joħloq.

## Turiżmu

### Eko-Kontribuzzjoni fuq l-akkomodazzjoni turistika

It-turiżmu f'pajjiżna kiber għal livelli bla preċedent. Din is-sena se nkunu qbiżna l-4.5 miljun turist, li bejniethom se jkunu qattgħu f'pajjiżna mat-28 miljun lejl. Mit-turiżmu jgawdi kulħadd u qed nistennew li għas-sena d-dieħla l-ammont ta' turisti u ljieli li jqattgħu f'pajjiżna se jkompli jiżdied. Filwaqt li dan kollu huwa pożittiv, fl-istess waqt ma nistgħux ninjoraw il-fatt li dan joħloq pressjoni fuq l-infrastruttura ta' pajjiżna.

Il-Gvern, permezz tal-viżjoni tiegħu sal-2050, huwa kommess li jsaħħaħ dan il-qasam filwaqt li nkomplu nimmiraw li ntejbu

l-kwalità ta' dawk li jiġu fostna. Irrid infakkar, li t-turist qiegħed ukoll direttament jew indirettament igawdi mis-sussidji tal-enerġija fil-firxa wiesgħa tagħhom.

Fid-dawl taż-żieda sostanzjali fil-prezzijiet tal-enerġija u anke għax pajjiżna jrid ikompli jinvesti fil-prodott turistiku, se nżidu l-eko-kontribuzzjoni li trid titħallas mit-turisti waqt il-btala tagħhom f'pajjiżna.

Mill-1 ta' Jannar li ġej, l-eko-kontribuzzjoni li trid titħallas minn dawk li jirrisjedu f'akkomodazzjoni kollettiva se tkun dik ta' €8 kull lejl sa massimu ta' €64 kull persuna. Ir-rata tal-eko-kontribuzzjoni għal dawk li jirrisjedu f'appartamenti hekk magħrufa bħala short lets se tkun dik ta' €10 kull lejl sa massimu ta' €80 kull persuna. Id-dħul minn dawn ir-reviżjonijiet mistenni jkun madwar €182 miljun.

Infakkar li l-eko-kontribuzzjoni titħallas minn dawk li għandhom aktar minn 18-il sena. Mis-sena d-dieħla se neliminaw il-ħtieġa tal-ħlas tal-eko-kontribuzzjoni fl-akkomodazzjoni lill-iskejjel tat-tagħlim tal-Ingliż.

**Eko-Kontribuzzjoni għall-passiġġieri tal-cruise liners**

Se nintroduċu eko-kontribuzzjoni għall-passiġġieri li jżuru Malta abbord cruise liners.

Il-ħlas nominali ta' €10 se jibda japplika għal dawk it-turisti li jiżbarkaw u jerġgħu jimbarkaw fuq l-istess cruise liner f'pajjiżna.

Din il-kontribuzzjoni mhix se tapplika għal dawk il-passiġġieri li jibdew il-cruise tagħhom minn Malta.

### Eko-Kontribuzzjoni minn turisti li jżuru Kemmuna

Fis-sajf 2025 bdejna proġett sabiex l-esperjenza ta' min iżur il-Blue Lagoon tittejjeb. Bdejna billi stabbilixxejna limitu fuq in-numru ta' persuni li jkollhom aċċess u introduċejna sistema ta' booking b'ħinijiet differenti fil-ġurnata. Permezz tal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, investejna u tejjibna sew l-indafa, il-faċilitajiet u s-sigurtà f'din id-destinazzjoni tant popolari kemm mal-Maltin kif ukoll mat-turisti. Il-proġett se jkompli b'rispett lejn l-ekosistema tal-post filwaqt li nkomplu ntejbu l-esperjenza. Għal dan il-għan se nintroduċu ħlas ta' €5 fis-sistema li qiegħda titħaddem, bħala eko-kontribuzzjoni mit-turisti.

## Is-Suq tax-Xogħol

Il-ħaddiema fis-suq tax-xogħol f'pajjiżna żdiedu b'madwar 130,000 ruħ matul dawn l-aħħar għaxar snin. Dan kollu huwa prova ta' kemm l-ekonomija f'pajjiżna kibret u ħolqot ġid. Madankollu, filwaqt li l-ħaddiema Maltin u Għawdxin kienu jlaħħqu mal-180,000 ruħ lura fl-2015, illum sal-aħħar tal-2025 dawn kienu jlaħħqu għal madwar 205,000 ruħ. Fl-istess waqt biex tiġi sodisfatta d-domanda għal aktar ħaddiema fl-ekonomija, in-numru ta' ħaddiema barranin żdied b'madwar 106,000 ruħ bejn l-2015 u 2025. Filwaqt li dan kollu wassal għal ħolqien ta' aktar ġid sena wara l-oħra, wieħed ma jistax jinjora l-isfidi esterni li dan ġab miegħu.

Kif għidt aktar kmieni, il-ħaddiem barrani li qed jiġi jgħix fostna se nibqgħu nilqgħuh kif dejjem għamilna u niżguraw ukoll li jkollu d-dinjità meħtiega, imma għandu jkun huwa wkoll li jikkontribwixxi lejn il-pajjiż għal dak li qed jirċievi lura, fosthom l-użu tal-infrastruttura fid-diversi forom tagħha.

Għalhekk ser inħabbar żieda fit-tariffa fuq il-permess tax-xogħol għal ħaddiema li ġejjin minn barra l-Unjoni Ewropea.

Sur President, it-tariffa għal applikazzjoni ġdida ser tiżdied b'€200 u għalhekk titla' minn €600 għal €800 kull persuna.

Ser ikun hemm tariffa addizzjonali bħala kontribut għall-infrastruttura ta' €400 li trid titħallas kemm minn applikanti ġodda, kif ukoll minn dawk li ser iġeddu l-permessi tagħhom. Din it-tariffa addizzjonali trid titħallas ta' kull sena iżda ma tapplikax għall-minorenni, ċioe` dawk tal-eta' taħt it-18-il sena. Inżid ukoll, li bosta mill-permessi li joħorġu minn Identita' ser ikollhom it-tariffi riveduti 'l fuq.

Din iż-żieda fit-tariffi fil-permess tax-xogħol mistennija tiġġenera mat-€80 miljun.

## Tibdil fl-eliġibilità għal ċerti benefiċċji

Sur President, dan il-pajjiż, kuntrarju għal ħafna pajjiżi oħra joffri numru ta' benefiċċji b'xejn lil kulħadd. Dawn ivarjaw, mis-saħħa sal-edukazzjoni, benefiċċji soċjali u trasport. Iċ-ċirkostanzi ta' pajjiżna meta dawn daħlu kienu mod, iżda matul il-milja tas-snin

ir-realtà ta' pajjiżna nbidlet f'diversi modi. Għalhekk wasal iż-żmien li jsiru ċertu reviżjonijiet f'dawn l-oqsma kif ser insemmi.

- **It-trasport pubbliku b'xejn.**

  Minn Jannar li ġej, it-trasport pubbliku b'xejn ser jibqa' biss għal Maltin u Għawdxin, ċittadini residenti tal-Unjoni Ewropea u dawk li huma Long-Term Residents.

- **Liċenzji tas-sewqan.**

  Il-viżitaturi b'liċenzja maħruġa barra mill-Unjoni Ewropea jistgħu jibqgħu isuqu biha sa tnax-il xahar mid-dħul tagħhom f'Malta. Min jingħata permess ta' residenza jista' jsuq biha għal tnax-il xahar mid-dħul tiegħu f'Malta, u dan il-perjodu ma jerġax jibda jgħodd jekk joħroġ u jerġa' jidħol. Min diġà għandu permess, iż-żmien jgħodd mill-aħħar dħul tiegħu qabel l-1 ta' Jannar 2027. Wara, irid ikollu liċenzja Maltija jew Ewropea. Is-sewwieqa b'permess ta' residenza għal xogħol speċifiku ta' sewqan huma eżentati.

  Se jiġi introdott ukoll ħlas amministrattiv ta' €83 fix-xahar fuq detenturi ta' liċenzji tal-kategoriji B u B1 maħruġa jew imġedda minn dik id-data. Huma eżentati ċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea u taż-Żona Ekonomika Ewropea, ir-residenti b'permess fit-tul u l-konjuġi tagħhom. Iċ-ċittadini tar-Renju Unit, tal-Awstralja u tal-Emirati Għarab Magħquda, u min għandu permess ta' residenza għal xogħol speċifiku ta' sewqan huma eżenti wkoll. Il-liċenzja tiskadi mal-permess ta' residenza u ma tiġġeddidx jekk ikun hemm ħlas pendenti.

- **Iċ-ċekk għal xogħol atipiku.**

  Mill-1 ta' Jannar li ġej, dan iċ-ċekk se jibqa' jingħata biss lill-Maltin u Għawdxin, ċittadini residenti tal-Unjoni Ewropea u Long-Term Residents.

- **Childcare b'xejn għal kulħadd.**

  Mhu se jkun hemm ebda tibdil fl-eliġibilità għal dawk li ġa qed jagħmlu użu mis-servizz illum il-ġurnata sakemm uliedhom jikbru u ma jibqgħux aktar eliġibbli. Iżda mis-sena d-dieħla l-eleġibilità għal dan is-servizz bla ħlas ser tibqa' biss għall-Maltin u Għawdxin, ċittadini residenti tal-Unjoni Ewropea u dawk li jissodisfaw il-kriterji bħala Long-Term Residents.

Dawn l-erba' miżuri li għadni kemm ħabbart f'termini fiskali mistennija jwasslu għal €46 miljun fis-sena bejn iffrankar jew dħul ġdid.

## Servizz ta' fast ferries u l-vapur ta' Għawdex

Ilkoll naqblu li t-trasport bil-baħar sar servizz essenzjali. Dan il-mezz ta' trasport alternattiv jgħin sabiex innaqsu l-konġestjoni tat-traffiku. Il-Gvern jalloka aktar minn €18-il miljun biex is-servizzi eżistenti jkunu jistgħu jiġu mantnuti. Inħossu li l-prezzijiet li bħalissa jiġu mħallsa mit-turisti huma kemxejn baxxi, għaldaqstant qed inħabbar reviżjoni f'dawn il-prezzijiet u kull vjaġġ se jiżdied bi €3.

Se jkun hemm ukoll reviżjoni fin-noll tal-vapur ta' Għawdex għal dawk li ma jirrisjedux f'pajjiżna.

Passiġġiera adulti (mhux residenti) ser ikunu qed iħallsu l-prezz ta' €11 filwaqt tat-tfal ser iħallsu €7. Fl-istess waqt, it-tariffa ta' vettura misjuqa minn persuna mhux residenti ser titla' għal €22. B'eżempju, jekk fil-vettura jkollok sewwieq u passiġġier adult, il-prezz finali jkun dak ta' €33. F'każ fejn flimkien mas-sewwieq ikun hemm preżenti passiġġier adult u tifel jew tifla, it-tariffa tkun ta' €40.

| **Kategorija tal-Passiġġiera u Vetturi** | **Tariffa Kurrenti** | **Tariffa Proposta** | **Differenza** |
|---|---|---|---|
| Adult mhux residenti | €4.65 | €11.00 | +€6.35 |
| Tifel/Tifla mhux residenti | €1.15 | €7.00 | +€5.85 |
| Vettura + Sewwieq | €15.70 | €22.00 | +€6.30 |
| Vettura + Sewwieq + Passiġġier Adult | €20.35 | €33.00 | +€12.65 |
| Vettura + Sewwieq + Passiġġier Adult + Tifel/Tifla | €21.50 | €40.00 | +€18.50 |

Din ir-reviżjoni tat-tariffi għat-turisti se tippermetti sabiex inkomplu ninvestu fl-infrastruttura u l-operat. Dawn iż-żidiet mistennija jiġġeneraw mat-€13-il miljun fi dħul addizzjonali, li ser jagħmel tajjeb għat-tnaqqis fis-sussidju.

## Dgħajjes ta' rikreazzjoni

Sur President, se nerġa' nirrepeti dak li ili ngħid, li dan il-pajjiż se jibqa' jżomm l-istabilità fil-prezzijiet tal-enerġija, inkluż dawk tal-fjuwils.

Irrid ngħid li filwaqt li s-sena l-oħra s-sussidju fuq il-fjuwils kien ta' madwar €40 miljun, din is-sena dan tela' għal €85 miljun.

Inkun korrett ngħid li jeżisti qbil fost il-maġġoranza tal-poplu li dan is-sussidju għandna nkomplu bih. Iżda aktar ma kemm jgħaddi żmien, aktar qed inkunu tal-fehma li s-sussidju għandu jkun fuq l-essenzjal.

Għal dan il-għan u biex tagħmel tajjeb għal parti mis-sussidju li jirċievu ċerta bastimenti fuq il-fjuwil, ser nirrevedu l-ħlasijiet tar-reġistrazzjoni annwali.

Dan ser ikun qed japplika għal dawk kollha li għandhom bastimenti minn 10 metri sa 24 metru, għax bastimenti 'l fuq minn 24 metru ma jistgħux jieħdu fjuwil sussidjat bil-liġi, u għalhekk se jiġu introdotti kategoriji skont it-tul tal-bastiment, u r-reviżjoni ser tapplika skont dawn il-kategoriji. Dan mhux se japplika għas-sajjieda professjonali tagħna, kif ukoll għal dawk kollha li l-bastiment tagħhom hu inqas minn 10 metri.

Il-ħlasijijiet huma hekk kif ser nispjega.

| Żieda Addizzjonali | >=10 sa <12m | >=12 sa <15m | >=15 sa <18m | >=18 sa <21m | >=21 sa <24m |
|---|---|---|---|---|---|
| Jottijiet Kummerċjali | | €350 | €650 | €1,800 | €2,600 |
| Jottijiet <50gt | €300 | €350 | €650 | €1,800 | €2,600 |
| Oħrajn <50gt | €300 | €350 | €650 | €1,800 | €2,600 |
| Oħrajn >=50gt | €300 | €350 | €650 | €1,800 | €2,600 |

Id-dħul minn din il-miżura huwa stmat madwar €3 miljun.

## Tnaqqis fit-taxxa lill-kumpaniji żgħar

Il-Gvern se jdaħħal qafas ġdid li permezz tiegħu, kumpaniji b'turnover li ma jeċċedix miljun ewro jkunu jistgħu jibbenefikaw minn rata ta' taxxa ta' 25.0 fil-mija minflok 35.0 fil-mija. Din il-miżura hija maħsuba sabiex tnaqqas il-piż fiskali fuq kumpaniji ta' daqs iżgħar, issaħħaħ il-kompetittività tagħhom u tħallilhom aktar riżorsi sabiex jinvestu fin-negozju tagħhom kif ukoll il-Youth-Led Start-Up Support Scheme li ġiet imnedija din is-sena. Din se tgħin ukoll liż-żgħażagħ li jiddeċiedu jwaqfu negozju tagħhom, anke wara l-miżuri li ħabbarna għalihom is-sena l-oħra. B'dan il-mod, il-qafas għandu wkoll jgħin biex isaħħaħ ir-reżiljenza tan-negozji u jinkoraġġixxi aktar investiment fl-ekonomija. Il-miżura se titħaddem skont il-kundizzjonijiet u l-limitazzjonijiet li jiġu stabbiliti fir-regoli relattivi, sabiex titħaddem b'mod ċar u koerenti mas-sistema eżistenti tat-taxxa fuq il-kumpaniji. Irrid

iżda nispeċifika li dan it-tnaqqis se jkun japplika fuq profitti miżmuma jew investiti mill-ġdid. Kemm-il darba l-profitti jittieħdu bħala dividendi r-rata ta’ 35.0 fil-mija xorta tibqa’ tapplika.

## Tnaqqis fit-taxxa fuq id-dħul għal ġenituri

Sur President,

Is-sena l-oħra fid-diskors tal-budget kont ħabbart l-akbar tnaqqis fit-taxxa tad-dħul għal familji bit-tfal b’xejn anqas minn €160 miljun fuq 3 snin. B’kollox huwa mistenni li madwar 68,000 ġenitur ikomplu jgawdu minn dan it-tnaqqis. Dan ifisser li minn din is-sena sal-2028, il-familji bit-tfal se nħallulhom bi ftit aktar minn €50 miljun f’buthom kull sena.

Infakkar li nħolqu tabelli ġodda tat-taxxa għal familji b’wild wieħed u tabelli oħrajn għal dawk il-familji b’żewġ ulied jew aktar.

Fis-sistema tat-taxxa tagħna għandna żewġ komputazzjonijiet li taħthom familja tista’ tkun qed trabbi – il-komputazzjoni Miżżewġin u l-komputazzjoni Ġenitur.

### Komputazzjoni Miżżewġin b'Wild Wieħed

Il-komputazzjoni miżżewġin tapplika f'każijiet fejn aktarx ikun hemm wieħed biss mill-konjuġi li jkun jaħdem jew inkella d-dħul tal-parti l-oħra jkun żgħir.

Illum dawn il-familji jibdew iħallsu t-taxxa hekk kif id-dħul tagħhom jaqbeż is-€17,500. Nibda billi ngħid Sur President, li din is-solja ser titla' għal €20,000 is-sena d-dieħla, u terġa' tiżdied għal €22,500 fl-2028. Infakkar li minħabba ż-żieda fis-solja u tibdil fil-faxex tat-taxxa, il-massimu ta' frankar fit-taxxa għal dawn il-familji b'wild wieħed kien ta' €725 din is-sena, jiżdied għal €1,450 is-sena d-dieħla u €2,175 fl-2028.

| **2027** | | |
|---|---|---|
| **Komputazzjoni Miżżewġin b'Wild Wieħed** | | |
| **Kategorija tal-introjtu** | **Rata** | **Tnaqqas** |
| €0 - €20,000 | 0.0% | €0 |
| €20,001 - €30,000 | 15.0% | €3,000 |
| €30,001 - €60,000 | 25.0% | €6,000 |
| €60,001+ | 35.0% | €12,000 |

| **2028** | | |
|---|---|---|
| **Komputazzjoni Miżżewġin b'Wild Wieħed** | | |
| **Kategorija tal-introjtu** | **Rata** | **Tnaqqas** |
| €0 - €22,500 | 0.0% | €0 |
| €22,501 - €33,500 | 15.0% | €3,375 |
| €33,501 - €60,000 | 25.0% | €6,725 |
| €60,001+ | 35.0% | €12,725 |

**Komputazzjoni Ġenitur b'Wild Wieħed**

Il-komputazzjoni ġenitur b'wild wieħed tapplika f'każijiet fejn iż-żewġ ġenituri jkunu jaħdmu u jkollhom wild wieħed.

Illum dawn il-familji jibdew iħallsu t-taxxa hekk kif id-dħul tagħhom jaqbeż l-€14,500. Din is-solja ser titla' għal- €16,000 is-sena d-dieħla u €18,000 fl-2028. Minħabba ż-żieda fis-solja u tibdil fil-faxex tat-taxxa, il-massimu ta' frankar fit-taxxa għal kull ġenitur b'wild wieħed kien ta' €575 din is-sena, €1,150 is-sena d-dieħla u €1,800 fl-2028.

| 2027 | | |
|---|---|---|
| Komputazzjoni Ġenitur b'Wild Wieħed | | |
| **Kategorija tal-introjtu** | **Rata** | **Tnaqqas** |
| €0 - €16,000 | 0.0% | €0 |
| €16,001 - €24,500 | 15.0% | €2,400 |
| €24,501 - €60,000 | 25.0% | €4,850 |
| €60,001+ | 35.0% | €10,850 |

| 2028 | | |
|---|---|---|
| Komputazzjoni Ġenitur b'Wild Wieħed | | |
| **Kategorija tal-introjtu** | **Rata** | **Tnaqqas** |
| €0 - €18,000 | 0.0% | €0 |
| €18,001 - €28,000 | 15.0% | €2,700 |
| €28,001 - €60,000 | 25.0% | €5,500 |
| €60,001+ | 35.0% | €11,500 |

Niġi issa biex nispjega t-tibdil fir-rati għal ġenituri li għandhom żewġ ulied jew aktar.

**Komputazzjoni Miżżewġin b'Żewġ Ulied jew Aktar**

Kif diġà semmejt aktar qabel, il-komputazzjoni miżżewġin tapplika f'każijiet fejn aktarx ikun hemm wieħed biss mill-konjuġi li jkun jaħdem jew inkella d-dħul tal-parti l-oħra jkun żgħir.

Dawn il-familji bħalissa jibdew iħallsu t-taxxa hekk kif id-dħul tagħhom jaqbeż it-€22,500. Mis-sena d-dieħla din is-solja ser tiżdied għal €30,000 u terġa' tiżdied għal €37,000 fl-2028. Dan ifisser li l-ammont li wieħed ma jħallasx taxxa fuqu ser ikun żdied bi €22,000 fuq 3 snin.

Minħabba ż-żieda fis-solja u tibdil fil-faxex tat-taxxa, il-massimu ta' frankar fit-taxxa għal dawn il-familji b'żewġ ulied jew aktar ser ikun ta' €2,025 din is-sena, filwaqt li għas-sena d-dieħla jitla' għal €4,050 u jlaħħaq mas-€6,000 fl-2028.

| 2027 | | |
|---|---|---|
| Komputazzjoni Miżżewġin b'Żewġ Ulied jew Aktar | | |
| Kategorija tal-introjtu | Rata | Tnaqqas |
| €0 - €30,000 | 0.0% | €0 |
| €30,001 - €41,000 | 15.0% | €4,500 |
| €41,001 - €60,000 | 25.0% | €8,600 |
| €60,001+ | 35.0% | €14,600 |

| 2028 | | |
|---|---|---|
| Komputazzjoni Miżżewġin b'Żewġ Ulied jew Aktar | | |
| Kategorija tal-introjtu | Rata | Tnaqqas |
| €0 - €37,000 | 0.0% | €0 |
| €37,001 - €50,000 | 15.0% | €5,550 |
| €50,001 - €60,000 | 25.0% | €10,550 |
| €60,001+ | 35.0% | €16,550 |

### Komputazzjoni Ġenitur b'Żewg Ulied jew Aktar

Il-komputazzjoni ġenitur b'żewġ ulied jew aktar tapplika f'każijiet fejn iż-żewg ġenituri jkunu jaħdmu u jkollhom aktar minn wild wieħed. B'kollox, madwar 29,300 ġenitur jibbenefikaw minn din il-komputazzjoni.

Nerġa' nfakkar li bir-rati preżenti dawn il-familji jibdew iħallsu t-taxxa hekk kif id-dħul tagħhom jaqbeż it-€18,500. Din issa ser titla' għal €24,000 is-sena d-dieħla u €30,000 fl-2028. Iva, Sur President nerġa' nfakkar li fi żmien sentejn dawk il-ġenituri li

jaqilgħu €30,000 kull wieħed u għandhom żewġt itfal jew aktar mhux ser iħallsu ċenteżmu wieħed f'taxxa fuq id-dħul.

Dan għadu mhux biżżejjed Sur President. Minħabba ż-żieda fis-solja u tibdil fil-faxex tat-taxxa, il-massimu ta' frankar fit-taxxa għal kull ġenitur b'żewġ ulied jew aktar kien ta' €1,625 din is-sena, €3,250 is-sena d-dieħla u €5,000 fl-2028. Dan ifisser li fi żmien sentejn, dawk il-ġenituri li jkollhom dħul ta' €42,000 kull wieħed ser jiffrankaw mal-€10,000 f'taxxa bejniethom.

| **2027** | | |
|---|---|---|
| **Komputazzjoni Ġenitur b'Żewġ Ulied jew Aktar** | | |
| **Kategorija tal-introjtu** | **Rata** | **Tnaqqas** |
| €0 - €24,000 | 0.0% | €0 |
| €24,001 - €33,500 | 15.0% | €3,600 |
| €33,501 - €60,000 | 25.0% | €6,950 |
| €60,001+ | 35.0% | €12,950 |

| **2028** | | |
|---|---|---|
| **Komputazzjoni Ġenitur b'Żewġ Ulied jew Aktar** | | |
| **Kategorija tal-introjtu** | **Rata** | **Tnaqqas** |
| €0 - €30,000 | 0.0% | €0 |
| €30,001 - €42,000 | 15.0% | €4,500 |
| €42,001 - €60,000 | 25.0% | €8,700 |
| €60,001+ | 35.0% | €14,700 |

## Super Bonus

Sur President, dak li nwiegħdu nwettquh. Fl-ewwel kwart tas-sena d-dieħla se nkunu qed inħallsu s-Super Bonus lil dawk kollha eliġibbli. Dan se jkun qed jinħadem fuq is-sena bażi 2025. Jiġifieri dawk kollha li kienu qed jaħdmu fl-2025 se jkunu qed jirċievu dan il-ħlas.

Infakkar li dawk kollha li d-dħul tagħhom minn impjieg kien €12,000 jew aktar se jieħdu pagament mhux taxxabbli ta' €1,000. Filwaqt li dawk li kellhom dħul ta' anqas minn hekk ser jirċievu pagament pro-rata hekk kif ser nispjega issa. Is-Super bonus jieħduh ukoll is-self-employed, anzjani li jkomplu jaħdmu u ħaddiema part-time.

| Super Bonus | |
|---|---|
| **Dħul** | **Bonus** |
| €12,000+ | €1,000 |
| €11,000 - €11,999 | €925 |
| €10,000 - €10,999 | €875 |
| €9,000 - €9,999 | €800 |
| €8,000 - €8,999 | €725 |
| €7,000 - €7,999 | €650 |
| €6,000 - €6,999 | €575 |
| €2,000 - €5,999 | €500 |

## Miżuri Amministrattivi

### Dikjarazzjonijiet tat-Taxxa Separati

Bħala parti mill-isforzi kontinwi tagħna biex nissimplifikaw l-amministrazzjoni tat-taxxa u nagħtu aktar flessibbiltà lill-kontribwenti, il-Gvern se jibda proġett bil-għan li jirriforma l-qafas tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa fuq l-introjtu applikabbli għall-koppji miżżewġin.

L-għan huwa li jiġi stabbilit approċċ li bih, bħala regola ġenerali, kull konjuġi jippreżenta dikjarazzjoni individwali tat-taxxa fir-rigward tal-introjtu u l-affarijiet fiskali tiegħu stess. Koppji li jkunu jixtiequ jagħmlu użu minn arranġament ta' dikjarazzjoni konġunta, fejn dan ikun permess mil-liġi, jibqa' jkollhom din il-possibbiltà permezz ta' mekkaniżmu ta' għażla.

### Trasferiment tal-Arja

Il-Gvern huwa determinat li jiżgura li t-tranżazzjonijiet ta' proprjetà jiġu ntaxxati b'mod ġust u trasparenti. Ġew identifikati arranġamenti li jinvolvu l-bejgħ tal-arja, li jistgħu jwasslu biex it-taxxa tiġi kkalkolata biss fuq parti mill-valur reali ta' proprjetà lesta.

Għaldaqstant, il-Gvern ser jintroduċi miżuri mmirati li jeħtieġu żvelar aktar sħiħ tal-korrispettiv totali miftiehem għal tali żviluppi, isaħħu l-proċeduri ta' valutazzjoni u verifika, u jiżguraw li t-tranżazzjonijiet jiġu ntaxxati skont is-sustanza ekonomika tagħhom. Il-miżuri ser jindirizzaw ukoll strutturi li jinvolvu intermedjarji jew żviluppaturi li ma jidhrux direttament fl-att tat-trasferiment.

Dawn ir-riformi se jħarsu d-dħul pubbliku, jippromwovu kundizzjonijiet ekwi għall-operaturi li josservaw l-obbligi tagħhom filwaqt li jippreservaw prattiċi leġittimi ta' żvilupp. Wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti, il-qafas il-ġdid ser japplika prospettivament u ser jipprovdi gwida ċara u ċertezza legali lix-xerrejja, lill-iżviluppaturi u lill-professjonisti.

**Mekkaniżmu ġdid tal-VAT fis-settur tal-kostruzzjoni**

Riforma oħra li ser nagħmlu hija l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ġdid fis-settur tal-kostruzzjoni biex nindirizzaw l-abbuż li jista' jkun hemm fuq il-VAT f'dan il-qasam.

Għat-tranżazzjonijiet li se jkunu koperti minn dan il-mekkaniżmu, l-obbligu tal-VAT se jgħaddi mingħand il-fornitur għal fuq in-negozju li jkun qed jixtri. Dan in-negozju jkun obbligat jikkalkula u jiddikjara l-VAT dovuta fuq ix-xiri tiegħu, u jkun jista' jnaqqas l-istess VAT jekk ikun eliġibbli skont il-liġi.

B'dan il-mod, il-VAT ma tibqax titħallas lill-fornitur, u għalhekk jitneħħa r-riskju li dan jiġborha mingħand il-klijent u jżommha għalih minflok jgħaddiha lill-Gvern. Fl-istess waqt, nillimitaw il-possibbiltà li, permezz ta' fatturi foloz jew għal tranżazzjonijiet fittizji, jintalbu rifużjonijiet ta' VAT li qatt ma tkun tħallset.

B'dan il-mekkaniżmu nipproteġu l-flus tal-poplu u niżguraw li n-negozji serji f'dan is-settur ikunu jistgħu jikkompetu fuq bażi ġusta.

**Tisħiħ tal-obbligi dwar fatturi tal-VAT u l-irċevuti fiskali**

Dan il-Gvern jibqa' impenjat li jiżgura kompetizzjoni ġusta u kundizzjonijiet indaqs għan-negozji kollha. Min josserva l-obbligi tiegħu tal-VAT m'għandux jitqiegħed fi żvantaġġ minħabba min jagħżel li jabbuża.

Għalhekk, se nintroduċu mekkaniżmu aktar effiċjenti u effettiv biex ninfurzaw l-obbligu li jinħarġu fatturi u rċevuti fiskali korretti. Minflok ma nirrikorru mill-ewwel għal proċeduri kriminali, se napplikaw sistema ta' penali amministrattivi li tibni fuq il-mekkaniżmu ta' multi ta' kompromess li diġà jeżisti, iżda li tippermetti li n-nuqqasijiet jiġu indirizzati b'aktar ħeffa.

Il-penali se jkunu ta' €100 għall-ewwel nuqqas, €200 għat-tieni u €400 għat-tielet, b'penali ta' €500 għar-raba' nuqqas u għal kull nuqqas ieħor sussegwenti fi żmien 24 xahar. Meta l-penali titħallas fi żmien 30 jum, ir-responsabbiltà kriminali marbuta man-nuqqas kopert minn dik il-penali tiġi estinta.

Iżda l-ħidma tagħna ma tiqafx mal-ħlas tal-penali u l-multi. Grazzi għall-miljuni ta' ewro li investejna f'teknoloġija ġdida u għall-analiżi tar-riskju fi ħdan l-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta, l-informazzjoni dwar dawn in-nuqqasijiet tiddaħħal ukoll fis-sistema ta' valutazzjoni tar-riskju. Dawn in-nuqqasijiet iżidu l-punteġġ tar-riskju tan-negozju kkonċernat u, għalhekk, il-probabbiltà li jintgħażel għal awditu, spezzjoni jew investigazzjoni.

B'hekk, kull nuqqas jgħinna wkoll nidentifikaw fejn hemm bżonn ta' skrutinju akbar, biex nindirizzaw l-evażjoni tal-VAT b'mod aktar immirat u nipproteġu lin-negozji li jimxu mal-liġi.

**Kompetizzjoni ġusta u konsistenti tal-eżenzjoni tal-VAT fuq l-ikel**

Biex inkomplu niżguraw kompetizzjoni ġusta, qed naħdmu wkoll fuq linji gwida li jiċċaraw l-applikazzjoni tal-eżenzjoni tal-VAT fuq l-ikel. Dan huwa partikolarment importanti fil-każ tal-ikel lest għall-konsum mibjugħ mis-supermarkets, il-minimarkets u l-convenience shops, li jikkompetu bejn xulxin kif ukoll direttament ma' dak offrut mir-ristoranti.

Dawn il-linji gwida se jagħtu aktar ċertezza lill-operaturi dwar it-trattament tal-VAT applikabbli għall-provvisti tagħhom, biex l-eżenzjoni tiġi applikata b'mod ġust, korrett u konsistenti fis-settur kollu. B'hekk, nevitaw li interpretazzjonijiet differenti joħolqu vantaġġ inġust għal xi operaturi għad-detriment ta' oħrajn.

# KAPITLU 5. QAGĦDA FISKALI

Sur President,

Li kieku kelli niġbor id-diskors kollu li se nkun qrajt illejla fi ftit kliem, nuża l-frażi, 'Serħan il-Moħħ'. Dan għaliex, Sur President, il-poplu Malti u Għawdxi u dawk kollha li qed jarawna dan il-ħin, għandhom ikollhom moħħhom mistrieħ. Dan is-serħan tal-moħħ ġej mill-fatt li minkejja dak kollu li għaddej madwarna, minkejja daqqiet dejjem akbar, il-qagħda finanzjarja ta' pajjiżna tibqa' waħda b'saħħitha quddiem dan kollu.

Ftit tal-ġimgħat ilu tkellimt fuq ir-responsabilità fiskali u l-ħtieġa li nżommu l-kolp quddiem dawn l-isfidi.

L-Oppożizzjoni qalet li qed nissikka ċ-ċinturin, jien ngħid li qed inkunu soċjalment ġusti u qed inkomplu ninvestu.

L-Oppożizzjoni qalet li l-qagħda finanzjarja tal-pajjiż hija mwiegħra. Jien ngħid li minkejja li splodew il-prezzijiet tal-enerġija, xorta qed nagħtu ċertezza ta' stabilità fil-prezzijiet.

L-Oppożizzjoni qalet ħa naraw kemm hu kapaċi l-Gvern jonora dak li wiegħed, jien niġi hawn u b'dak li qrajt tajt risposta ċara lil min sal-lum la għandu u anqas ser ikollu l-kredenzjali biex imexxi l-finanzi ta' pajjiżna.

Sur President qed ngħid hekk għax kliemhom jikxifhom. In-nies inbidlu, iżda għemilhom, ħsibijiethom u l-kapaċitajiet tagħhom jibqgħu l-istess.

Li kieku llum hemm in-naħa l-oħra fil-gvern u għandhom din is-sitwazzjoni quddiemhom, ibqa' fiċ-ċert Sur President li kienu jdaħħlu l-pajjiż fil-proċedura ta' defiċit eċċessiv, iġibu skuża biex jitfgħu l-piżijiet tal-enerġija fuq in-nies u jgħidu minn dak li għidna ma hemm xejn.

Aħna ġejna hawn, u nerġa' ntenni qed nagħtu l-istabilità fil-prezzijiet tal-enerġija, qed nonoraw il-wegħda maġġuri tal-programm elettorali, qed inkomplu nagħtu aktar lill-familji u l-pensjonanti, qed ninkoraġġixxu l-investiment; u dan kollu, bl-aktar premessa importanti, dik li d-defiċit tal-pajjiż jibqa' taħt it-3.0 fil-mija tal-prodott domestiku gross.

Dik hi d-differenza Sur President bejn min hu kompetenti u le. Kif ngħidu bil-Malti, ix-xogħol tih lil min jaf jagħmlu.

Ngħaddi issa biex nagħti ħarsa lejn l-istimi fiskali għas-sena d-dieħla.

## Id-Defiċit

Sur President,

Sena ilu kont bassart li kellna nagħlqu l-2025 b'defiċit ta' 3.3 fil-mija u l-2026 kellu jkollna defiċit ta' 2.8 fil-mija. Ilkoll nafu li għalaqna l-2025 b'defiċit ferm anqas, propju ta' 2.1 fil-mija. Din

il-kisba kienet propju grazzi għad-dħul ferm aħjar minn dak mistenni.

Kif diġà bdejt nantiċipa aktar kmieni din is-sena hekk kif faqqa' kunflitt ieħor fil-Lvant Nofsani, id-defiċit jaf kien ser jikber minħabba żieda fis-sussidji biex jagħmlu tajjeb għal prezzijiet ogħla tal-enerġija. Fil-fatt, huwa mistenni li din is-sena nispiċċawha b'defiċit ta' 2.6 fil-mija li xorta madanakollu huwa anqas minn dak li konna qed naraw is-sena l-oħra.

Għas-sena d-dieħla, minħabba li l-prezzijiet tal-enerġija xorta waħda se jibqgħu fl-istess livell ta' bħalissa, qed nippjanaw li jkollna l-istess livell ta' defiċit bħal din is-sena, jiġifieri dak ta' 2.6 fil-mija. Ta' min nirrimarka hawnhekk Sur President, ħalli kulħadd jifhem kemm huwa kbir dak li qed nagħmlu fil-qasam tal-enerġija, li nofs id-defiċit tal-pajjiż huwa minħabba dawn is-sussidji, jiġifieri 1.4 fil mija tal-prodott domestiku gross. Li kieku ma' ġietx din id-daqqa ta' dawn l-aħħar 6 xhur, kieku d-defiċit tas-sena d-dieħla kien ikun kważi 1.0 punt perċentwal anqas minn dak li ħabbart.

## Dħul u ħruġ

Ngħaddi issa biex nagħti rendikont tal-figuri li għandhom x'jaqsmu mad-dħul u l-ħruġ tal-Gvern.

Id-dħul tal-Gvern għas-sena d-dieħla mistenni li jkun ta' €10.1 biljun, €1.0 biljun aktar minn dak li mistenni jkun reġistrat din is-sena. Id-dħul mit-taxxi se jlaħħaq id-€9.0 biljuni, żieda ta' €645 miljun fuq din is-sena. Id-dħul li mhux ġej mit-taxxi se jilħaq il-€1.1 biljun, li jfisser żieda ta' €359 miljun fuq din is-sena.

L-ispiża tal-Gvern b'mod totali hija wkoll mistennija li tiżdied bi ftit anqas minn €1.0 biljun. L-ispiża rikurrenti mistennija tilħaq id-€9.4 biljuni filwaqt li l-ispiża kapitali mistennija tilħaq kważi €1.5 biljun. F'termini ta' żidiet, ir-rikurrent ser jiżdied b'€711-il miljuni, filwaqt li l-kapital ħa jiżdied b'€283 miljun. Irrid nirrimarka, li mill-ispiża kapitali tas-sena d-dieħla, madwar €390 miljun ser ikunu fondi li ġejjin mill-Unjoni Ewropea, €90 miljun aktar minn dak li ħa nkunu ħadna din is-sena.

Minn dak li għadni kif qrajt Sur President, huwa ċar li l-ispiża kapitali għal dan il-Gvern hija prijorità. Dan huwa l-mod responsabbli ta' kif isiru l-affarijiet. Jiena nsejjaħlu għaqal. L-Oppożizzjoni ssejjaħlu awsterità, mur ifhimhom.

## Id-Dejn

Niġi issa biex nagħti ħarsa lejn is-self tal-Gvern. Hawn ukoll l-Oppożizzjoni tipprova tbeżża' bil-babaw. Xahar wara l-ieħor jibqgħu jagħtu l-impressjoni li ħa jaqa' kollox u ninsabu f'xifer ta' kollass. Se jkolli naqtagħlhom l-għatx bil-perżut hawn ukoll Sur President.

Is-sena l-oħra kont għedt li l-piż tad-dejn għal din is-sena mistenni jkun ta' 47.3 fil-mija tal-prodott domestiku gross. L-istima li għandna issa hija anqas, propju dik ta' 46.7 fil-mija u dan meta tqis li qlajna daqqa bħal dik mill-ispiża tal-enerġija. U propju hawn Sur President, fejn nuru l-kapacità tagħna bħala Gvern li jaf x'inhu jagħmel fil-qasam fiskali. Mela s-sena d-dieħla qed inbassru li se nerġgħu naqilgħu daqqa ta' xejn inqas minn €400 miljun minħabba l-enerġija, u l-piż tad-dejn xorta ser jibqa' fl-istess livell ta' din is-sena jiġifieri 46.8 fil-mija.

Din mhux maġija Sur President. Dan għaqal fit-tmexxija u kompetenza. Araw id-differenza, il-Fond Monetarju Internazzjonali jwissi lill-gvernijiet ta' ċertu pajjiżi biex inaqqsu l-ispiża għax ħarbilhom id-dejn u refa' rasu l-piż tal-imgħax tant li anke jekk ma jonfqux aktar minn dak li qed jonfqu, d-dejn xorta ser jiżdidilhom bil-kbir għax l-ekonomija kważi mejta. Fuq naħa għandek ir-realtà ta' pajjiżi Ewropej b'piż tad-dejn tiela', b'ekonomiji batuti, negozji mgħaffġin taħt il-piżijiet tal-enerġija u iva nies fit-toroq ikissru u jaħarqu li jsibu.

Il-ħajja li qed ngħixu hawn f'pajjiżna hija realtà ukoll. Realtà iżda li hi possibbli minħabba deċiżjonijiet li ttieħdu matul is-snin.

Hawn irrid nerġa' nagħmel punt importanti. L-Oppożizzjoni l-ħin kollu tattakka l-Gvern fuq kif żdied id-dejn. Iżda konvenjentament tinsa ssemmi li l-piż tiegħu baqa' stabbli jew saħansitra tinsa ssemmi għalfejn kellna niddejnu f'dawn l-aħħar snin.

Infakkar li madwar 70.0 fil-mija taż-żieda fid-dejn ġiet minħabba l-pandemija, d-diversi kriżijiet tal-enerġija u l-fatt li kellna nagħmlu tajjeb għal għeluq tal-kumpanija tal-ajru nazzjonali u niftħu oħra – fuq din niġi aktar tard. Għaldaqstant insaqsi lill-Oppożizzjoni, liema minn dawn id-deċiżjonijiet ma kontux tieħdu? Liema piżijiet minn dawn kontu titfgħu fuq in-nies? Liema għajnuniet ma kontux tagħtu? Għandi nifhem li aħjar ma nżommux in-nifs sakemm ningħataw tweġiba għal dan kollu.

Nistħajjilhom jgħidu baqa' madwar 30.0 fil-mija oħra żieda li ma għedt xejn fuqha. It-tweġiba tiegħi hija waħda ċara hawn ukoll. Filwaqt li dan il-Gvern għamel ħafna affarijiet, u iva għalhekk

li l-ekonomija baqgħet b'saħħitha, ma niddejjaqx nerfa' ir-responsabilità li forsi seta' sar aktar b'inqas. Filwaqt li perfett minix, ħaġa waħda ngħid lill-poplu Malti u Għawdxi, filwaqt li pajjiżi oħra mwerwrin li tfaqqa' xi kriżi fis-swieq finanzjarji minħabba l-piż tad-dejn dejjem tiela', jien minn hawn għal darb'oħra nerġa' noffri serħan il-moħħ, u nagħti assigurazzjoni li matul din il-leġiżlatura kif għedt matul l-aħħar xhur, ser inkomplu naħdmu biex innaqqsu l-piż tad-dejn.

## Tabella 5.1: Il-Qagħda Fiskali 2025 - 2026

| | 2025 | | 2026 | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Attwali | | Approvat | | Rivedut | |
| | € '000 | | € '000 | | € '000 | |
| **Fond Konsolidat** | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 7,447,716 | | 7,814,205 | | 8,357,535 | |
| Dħul Ieħor | 624,172 | | 606,424 | | 720,945 | |
| Dħul Totali | | 8,071,888 | | 8,420,629 | | 9,078,480 |
| Nefqa Rikurrenti | | 7,485,686 | | 7,813,174 | | 8,387,872 |
| Nefqa Kapitali | | 1,113,506 | | 1,123,513 | | 1,169,250 |
| Bilanc / Żbilanċ qabel l-Imgħax | (527,304) | | (516,058) | | (478,642) | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 296,620 | | 335,942 | | 325,942 |
| Bilanċ / (Żbilanċ) Rikurrenti | 289,582 | | 271,513 | | 364,666 | |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(823,924)** | | **(852,000)** | | **(804,584)** |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| *Finanzjament* | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | *(459,455)* | | *(958,472)* | | *(958,698)* | |
| *Ħlas Lura Kmieni ta' MGRSB* | *(5,905)* | | *(5,755)* | | *(5,295)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Barrani* | *(80,000)* | | *-* | | *-* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Barranin* | *(30)* | | *(30)* | | *(30)* | |
| *Kontribuzzjonijiet Sinking Fund Specjali MGS* | *(30,000)* | | *(30,000)* | | *(30,000)* | |
| *Akkwist ta' Equity* | *(280)* | | *(50)* | | *(10,050)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti mill-Gvern* | *5,338* | | *2,784* | | *6,652* | |
| *Bejgħ ta' Ishma /Assi* | *-* | | *-* | | *-* | |
| | | *(570,332)* | | *(991,523)* | | *(997,421)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(1,394,256)* | | *(1,843,523)* | | *(1,802,005)* |
| *Self Barrani* | | *77,850* | | *-* | | *-* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | *(866,322)* | | *(985,022)* | | *(862,979)* | |
| *Self Lokali* | *1,319,749* | | *1,900,000* | | *1,900,000* | |
| | | *453,427* | | *914,978* | | *1,037,021* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *(862,979)* | | *(928,545)* | | *(764,984)* |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(823,924)** | | **(852,000)** | | **(804,584)** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **318,241** | | **101,000** | | **125,584** |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) tal-Gvern Estiż** | | **(505,683)** | | **(751,000)** | | **(679,000)** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **24,664,030** | | **26,408,200** | | **26,347,600** | |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **-2.1%** | | **-2.8%** | | **-2.6%** | |

# Tabella 5.2: Il-Qagħda Fiskali 2025 - 2029

| | 2025 Attwali € '000 | | 2026 Rivedut € '000 | | 2027 Estimi € '000 | | 2028 Estimi € '000 | | 2029 Estimi € '000 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fond Konsolidat** | | | | | | | | | | |
| Dħul minn Taxxi | 7,447,716 | | 8,357,535 | | 9,002,731 | | 9,565,731 | | 10,145,731 | |
| Dħul Ieħor | 624,172 | | 720,945 | | 1,079,398 | | 1,039,467 | | 1,027,467 | |
| Dħul Totali | | 8,071,888 | | 9,078,480 | | 10,082,129 | | 10,605,198 | | 11,173,198 |
| Nefqa Rikurrenti | | 7,485,686 | | 8,387,872 | | 9,042,444 | | 9,413,533 | | 9,838,352 |
| Nefqa Kapitali | | 1,113,506 | | 1,169,250 | | 1,452,692 | | 1,458,215 | | 1,503,496 |
| Bilanċ / (Żbilanċ) qabel l-Imgħax | (527,304) | | (478,642) | | (413,007) | | (266,550) | | (168,650) | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | | 296,620 | | 325,942 | | 381,842 | | 401,000 | | 410,900 |
| Bilanċ / (Żbilanċ) Rikurrenti | 289,582 | | 364,666 | | 657,843 | | 790,665 | | 923,946 | |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(823,924)** | | **(804,584)** | | **(794,849)** | | **(667,550)** | | **(579,550)** |
| *Finanzjament* | | | | | | | | | | |
| *Ħlas lura dirett ta' Self* | *(459,455)* | | *(958,698)* | | *(915,276)* | | *(1,042,745)* | | *(913,267)* | |
| *Ħlas Lura Kmieni ta' MGRSB* | *(5,905)* | | *(5,295)* | | *(5,098)* | | *(4,392)* | | *(2,104)* | |
| *Ħlas lura ta' Self Barrani* | *(80,000)* | | - | | - | | - | | *(107,000)* | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Funds - Barranin* | *(30)* | | *(30)* | | *(15)* | | - | | - | |
| *Kontribuzzjonijiet għas-Sinking Fund Speċjali MGS* | *(30,000)* | | *(30,000)* | | *(30,000)* | | *(30,000)* | | *(30,000)* | |
| *Akkwist ta' Equity* | *(280)* | | *(10,050)* | | *(50)* | | *(50)* | | *(50)* | |
| *Ħlas Lura ta' Self Mogħti mill-Gvern* | *5,338* | | *6,652* | | *5,000* | | *5,000* | | *5,000* | |
| *Bejgħ ta' Ishma / Assi* | - | | - | | - | | - | | - | |
| | | *(570,332)* | | *(997,421)* | | *(945,439)* | | *(1,072,187)* | | *(1,047,421)* |
| *Ħtieġa ta' Self* | | *(1,394,256)* | | *(1,802,005)* | | *(1,740,288)* | | *(1,739,737)* | | *(1,626,971)* |
| *Self Barrani* | | *77,850* | | - | | - | | - | | - |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fl-1 ta' Jannar* | *(866,322)* | | *(862,979)* | | *(764,984)* | | *(705,272)* | | *(645,009)* | |
| *Self Lokali* | *1,319,749* | | *1,900,000* | | *1,800,000* | | *1,800,000* | | *1,600,000* | |
| | | *453,427* | | *1,037,021* | | *1,035,016* | | *1,094,728* | | *954,991* |
| *Bilanċ fil-Fond Konsolidat fil-31 ta' Diċembru* | | *(862,979)* | | *(764,984)* | | *(705,272)* | | *(645,009)* | | *(671,980)* |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) fil-Fond Konsolidat** | | **(823,924)** | | **(804,584)** | | **(794,849)** | | **(667,550)** | | **(579,550)** |
| **Aġġustamenti tal-Gvern Estiż** | | **318,241** | | **125,584** | | **70,849** | | **23,550** | | **23,550** |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) tal-Gvern Estiż** | | **(505,683)** | | **(679,000)** | | **(724,000)** | | **(644,000)** | | **(556,000)** |
| **Prodott Domestiku Gross** | **24,664,030** | | **26,347,600** | | **28,080,200** | | **29,821,100** | | **31,610,400** | |
| **Bilanċ / (Żbilanċ) tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **-2.1%** | | **-2.6%** | | **-2.6%** | | **-2.2%** | | **-1.8%** | |

## Tabella 5.3: Il-Bilanċ tad-Dejn tal-Gvern

| | | | | | € '000 |
|---|---|---|---|---|---|
| | **2025** | **2026** | **2027** | **2028** | **2029** |
| *Stocks* tal-Gvern | 9,245,058 | 10,311,698 | 11,199,159 | 12,042,434 | 12,822,024 |
| *Retail Savings Bonds* tal-Gvern ta' Malta | 287,672 | 189,862 | 184,764 | 117,549 | 50,845 |
| *Bills* tat-Teżor | 775,319 | 689,791 | 630,230 | 569,417 | 596,838 |
| Self minn Barra | 490,079 | 489,965 | 489,850 | 489,850 | 382,850 |
| *EBU's* / Kunsilli Lokali | 167,669 | 167,729 | 167,729 | 167,729 | 167,729 |
| Munita | 111,672 | 125,609 | 130,890 | 136,172 | 141,454 |
| *ESA Rerouted Debt* | 332,606 | 330,149 | 327,816 | 325,424 | 322,971 |
| **Dejn tal-Gvern Estiż** | **11,410,075** | **12,304,803** | **13,130,438** | **13,848,575** | **14,484,711** |
| Prodott Domestiku Gross | 24,664,030 | 26,347,600 | 28,080,200 | 29,821,100 | 31,610,400 |
| **Dejn bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **46.26%** | **46.70%** | **46.76%** | **46.44%** | **45.82%** |

# KAPITLU 6. ĦIDMA TAL-GVERN

Sur President,

Ngħaddi issa sabiex nispjega aktar dwar il-ħidma tal-Gvern għas-sena li ġejja.

## Ekonomija

L-ebda poplu jew pajjiż ma' jista' jkollu prosperità jekk l-ekonomija tiegħu ma tkunx b'saħħitha. Bħala Gvern se nkomplu nagħmlu l-almu tagħna biex l-ekonomija ta' pajjiżna tkompli mhux biss tikber, iżda tiġġenera aktar ġid ta' kwalità.

Għal dan il-għan, il-Malta Enterprise se tkompli tassisti bid-diversi skemi tagħha kemm lin-negozji kif ukoll lill-industrija. Se nkomplu nħaddmu diversi inċentivi li jgħinu fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni, il-qalba għal aktar awtomizzazzjoni, kif ukoll l-investiment li jiġġenera valur miżjud ta' kwalità. Se nkunu qed noffru wkoll diversi inċentivi biex nattiraw niċeċ ġodda u nsaħħu dejjem aktar dawk eżistenti. B'hekk inkomplu niddeversifikaw l-ekonomija tagħna.

Fil-qasam tas-settur finanzjarju ser tkompli l-ħidma bejn ir-regolatur u l-MFSAC biex ikompli jitjieb il-qafas regolatorju u amministrattiv biex nattiraw investiment ġdid f'dan il-qasam. Il-family offices, kumpaniji tal-crypto, il-fintech u l-aircraft leasing huma lkoll oqsma li sar ħafna xogħol fuqhom u l-preżenza tagħhom f'pajjiżna qed tkompli tikber u tissaħħaħ.

Fil-qasam tas-settur turistiku, pajjiżna għamel passi ta' ġgant. Grazzi għaż-żieda fil-konnettività, l-ammonti ta' turisti f'pajjiżna żdied matul is-sena kollha hekk kif din is-sena aktarx naqbżu l-4.5 miljun turist. Issa rridu nħarsu lil hinn minn hekk. Fix-xhur li ġejjin ser ikun qed isir xogħol ta' reviżjoni fuq l-inċentivi li jingħataw lill-kumpaniji tal-ajru biex iġibu t-turist lejn pajjiżna. Tali inċentivi jridu jkunu magħmula b'aktar ħsieb fejn nattiraw aktar turisti fl-hekk imsejħa shoulder u winter months. L-istess inċentivi jridu jkunu wkoll iffukati aktar fuq destinazzjonijiet li jġibu turist ta' kwalità.

Ma nistax insemmi t-turiżmu u ma nsemmix il-kumpanija nazzjonali tal-ajru l-KM Malta Airlines (KMMA). Matul dawn l-aħħar ftit xhur saret ħidma biex naraw x'interess hemm fis-suq li jinsab sieħeb strateġiku għal KMMA. B'sieħeb strateġiku qed nifhmu linja tal-ajru oħra li tista' toffri l-benefiċċju tal-hekk imsejħa economies of scale lill-KMMA flimkien mal-opportunità ta' aktar xogħol. Irrid ngħid li ġew iffirmati numru ta' non disclosure agreements u għaddejjin taħditiet ma' numru ta' kumpaniji. Ladarba dawn it-taħditiet ikunu laħqu l-livell ta' maturazzjoni meħtieġ, isiru l-komunikati meħtieġa biex kulħadd ikun mgħarraf bit-triq 'il quddiem.

## Skemi

Sur President, matul dawn l-aħħar snin, il-Gvern ta' kull sena nieda xi skema ġdida ta' inċentivi, kemm jekk hux fil-qasam tal-akkomodazzjoni, jekk hux biex wieħed jixtri daru jew jirranġaha, skemi għal għaqdiet mhux governattivi, skemi għal għaqdiet sportivi, skemi għax-xiri ta' vetturi elettriċi jew skemi fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli. Il-lista ta' dawn l-iskemi hija waħda twila.

Minn hawn irrid inserraħ moħħ dawk li qed isegwu, li l-iskemi kollha li għandna din is-sena ser ikunu qed jiġu mġedda fi kwalunkwe qasam jew xorta tagħhom għas-sena d-dieħla.

## Saħħa

L-investiment fl-infrastruttura tas-saħħa għandu għan ċar: aktar kapaċità, kura aħjar u servizzi eqreb lejn il-pazjent.

F'Mater Dei, inbeda x-xogħol fuq l-estensjoni tad-Dipartiment tal-Emerġenza, li se tirdoppja l-kapaċità minn 35 għal 70 spazju għat-trattament. Se nipprovdu wkoll faċilitajiet aħjar għall-kura pedjatrika u spazji għax-xogħol u t-taħriġ tal-professjonisti tagħna. Magħha se tinbena unità ġdida għas-saħħa mentali b'135 sodda u ġnien terapewtiku. Se ninvestu wkoll f'binja ġdida għad-Dipartiment tal-Immaġnijiet Mediċi.

F'Għawdex, se nkomplu nwettqu l-pjan ġenerali għall-Isptar Ġenerali. Qed nippjanaw disa' kliniċi addizzjonali għall-outpatients u kamra għal proċeduri minuri. Se nespandu t-teatri tal-operazzjonijiet u qed nippjanaw spazju ddedikat għas-saħħa tan-nisa. Aktar kura f'Għawdex tfisser mhux biss inqas vjaġġar lejn Malta għall-Għawdxin, iżda wkoll il-possibilità li dan is-servizz jikkumplimenta wkoll dak offrut minn Mater Dei sabiex il-pazjenti jinqdew aħjar b'inqas ħin ta' stennija.

Għaddej ix-xogħol ukoll b'rabta mal-master plan għar-riġenerazzjoni tal-isptarijiet Karin Grech u San Luqa, biex dawn jingħataw ħajja ġdida fis-servizz tal-pazjenti.

Fil-preżent, il-Gvern iħallas l-ispejjeż biex persuna tmur għal kura barra minn Malta. Il-Gvern iħallas ukoll l-ispejjeż taż-żewġ ġenituri f'każ li l-pazjenti jkunu tfal. Irrid inħabbar li mis-sena d-dieħla se nibdew inkopru wkoll l-ispiża ta' persuna li tkun qed takkumpanja lil persuna adulta li tkun qed tirċievi l-kura barra minn Malta.

## Enerġija

L-investiment li qed tagħmel l-Enemalta diġà qed jissarraf f'riżultati. Mill-2023 'l hawn, tlestew 208 substations ġodda, tqiegħdu aktar minn 270 kilometru ta' cables u ġie mmodernizzat tagħmir essenzjali. Tlestew ukoll ċentri tad-distribuzzjoni ġodda fin-Naxxar, is-Siġġiewi, u l-Imsida fejn l-investiment ta' €9 miljun rdoppja l-kapaċità taċ-ċentru li kien hemm. Fl-aħħar ġimgħat, l-Enemalta nediet il-proċess biex jiżdiedu żewġ cables ġodda tal-elettriku ta' 33kV taħt il-baħar bejn Malta u Għawdex, bħala parti minn programm usa' ta' investiment biex tissaħħaħ il-kapaċità, ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-provvista tal-elettriku fil-gżira.

F'dak li għandu x'jaqsam mad-distribuzzjoni ta' dawl, se ninvestu mal-€75 miljun fis-sena li ġejja, filwaqt li nkomplu nibnu sistema li tkun aktar sigura, sostenibbli u indipendenti. It-tieni interconnector ma' Sqallija se jirdoppja l-kapaċità tal-interkonnessjoni tagħna, filwaqt li qed isiru l-istudji tekniċi għat-tielet interconnector u għal konnessjoni ġdida ta' 132kV bejn Malta u Għawdex. Dan filwaqt li qed jitkomplew l-istudji fuq il-proġett tal-ewwel wind farm offshore, b'kapaċità prevista ta' 300MW, u nesploraw opportunitajiet biex nimportaw enerġija rinnovabbli mill-Afrika ta' Fuq.

Lil hinn mill-provvista, irridu wkoll aktar kapaċità ta' ħażna. Għalhekk se nibqgħu determinati li ninvestu f'batteriji fuq skala kbira, li jagħtu lis-sistema l-flessibbiltà u r-reżiljenza meħtieġa u nagħtu opportunitajiet għal iktar batteriji domestici. Dan l-investiment se jiffaċilita l-aċċess għal aktar enerġija rinnovabbli, li fost l-oħrajn għandha tgħin lil pajjiżna jilħaq il-mira ambizzjuża li 25.0 fil-mija tal-enerġija tiġi minn sorsi rinnovabbli sal-2030. F'dan ir-rigward, diġà qed nagħmlu progress sostanzjali, hekk kif fl-2025 konna diġà ilħaqna 18.8 fil-mija.

## Infrastruttura

L-investiment infrastrutturali f'pajjiżna matul l-aħħar snin kien wieħed bla preċedent.

Matul l-2027, se jkomplu għaddejjin diversi proġetti infrastrutturali importanti, b'investiment ta' miljuni ta' ewro fit-toroq, fit-titjib tal-konnettività u l-faċilitajiet marittimi. Fost dawn hemm il-proġett ta' Msida Creek, l-estensjoni ta' Pinto 4 u 5 u Lascaris, kif ukoll il-proġett ta' shore supply fin-Nofsinhar tal-Port il-Kbir u f'Lascaris u li huwa ppjanat li jitlesta sal-aħħar tal-2028. Se jkompli wkoll il-proġett tas-slipway (rampa tad-dgħajjes) u l-berm ta' Birżebbuġa fost oħrajn. Dawn l-investimenti jikkonfermaw l-impenn li nkomplu nsaħħu l-infrastruttura tal-pajjiż.

## Edukazzjoni u Kultura

Il-prosperità ta' pajjiż hija msejsa wkoll fuq l-edukazzjoni tal-poplu tiegħu u l-ħarsien u l-kultivazzjoni tal-kultura tiegħu. Bħal ma għamilna fis-snin imgħoddija se nkomplu ninvestu bis-saħħa fil-qasam tal-edukazzjoni biex mhux biss nassiguraw

l-aqwa tagħmir u spazji edukattivi f'kull livell, iżda ser naraw ukoll li nkomplu ntejbu r-riżorsa umana f'dan il-qasam biex naċċertaw l-aqwa tagħlim lill-istudenti. Ser inkomplu naraw ukoll li l-edukazzjoni tagħna tilħaq lil kull student bid-diversi forom ta' tagħlim. Irridu niżguraw li mhux biss ħadd ma jibqa' lura, iżda li kulħadd ikollu l-opportunità li jimxi 'l quddiem aktar mill-ġenerazzjonijiet ta' qablu.

L-atleti elite li jirrappreżentaw lil Malta f'kompetizzjonijiet internazzjonali se jibbenefikaw minn għaxart ijiem sports leave mħallas meta jikkompetu f'kampjonati Ewropej jew dinjija. Dan japplika wkoll għall-membri tat-tim tekniku u mediku li jakkumpanjawhom, sabiex ma jkollhomx għalfejn jużaw il-leave personali tagħhom.

Fil-qasam kulturali ħa nkomplu ninvestu u nagħmlu dak kollu possibbli biex nieħdu ħsieb il-patrimonju kulturali li writna. Iżjed minn hekk se nkomplu nallokaw aktar riżorsi biex dan il-qasam li tant mexa 'l quddiem matul dawn l-aħħar snin u li joffri tant opportunitajiet ta' xogħol lil diversi individwi, ikompli jitjieb u jimxi 'l quddiem fis-snin li ġejjin.

## Ambjent, Agrikoltura u Sajd

Se nkomplu nallokaw aktar fondi, kemm bħala rikurrent u kemm bħala kapital, sabiex nieħdu ħsieb il-pajsaġġ Malti. Dan irridu nagħmluh kemm billi nieħdu ħsieb il-manutenzjoni tal-ispazji ta' rikreazzjoni ġa eżistenti, kif ukoll billi jiġu rinnovati oħrajn li forsi sal-lum għadhom mitluqa.

L-ambjent Malti rridu nipproteġuh ukoll billi nieħdu ħsieb li l-artijiet li llum qed jinħadmu mill-bdiewa tagħna jkomplu jiġu maħduma. Se naraw li nkomplu nagħtu l-appoġġ kollu meħtieġ lill-bdiewa, is-sajjieda, ir-raħħala u dawk kollha li għandhom x'jaqsmu mal-provvista' tal-ikel kemm b'mod finanzjarju kif ukoll dak tekniku. Ix-xogħol ta' dawn in-nies huwa imprezzabli għax mhux biss ifornu l-ikel ta' kuljum iżda b'xogħolhom jieħdu ħsieb li jinżamm il-bilanċ naturali f'pajjiżna u fl-ibħra ta' madwarna.

# KAPITLU 7. KONKLUŻJONI

Sur President,

Għal snin twal rajna tkabbir ekonomiku li jikser kull rekord.

U kellna għalfejn inkunu kburin b'dak il-progress.

Permezz ta' dak it-tkabbir rajna l-pagi jiżdiedu, aktar opportunitajiet biex in-nies itejbu l-qagħda soċjali u ekonomika tagħhom, u pajjiż li mexa 'l quddiem f'diversi oqsma.

Iżda Sur President, issa wasal iż-żmien li nagħmlu qabża oħra fil-progress ekonomiku ta' pajjiżna.

Kif fis-snin li għaddew konna aħna li ħloqna dak l-ambjent li wassal għas-suċċess ekonomiku ta' pajjiżna, issa se nerġgħu nkunu aħna li nagħtu sinjal ċar ta' fejn irridu li jmur pajjiżna fiż-żmien li ġej.

Fi żmien fejn il-bidliet madwarna qed jaċċelleraw, irridu aħna wkoll nevolvu l-mudell ekonomiku tagħna b'pass aktar mgħaġġel.

Jekk mhux se ninvestu aktar biex intejbu l-ħiliet u l-produttività mhux se nkunu kapaċi nirnexxu fl-ekonomija moderna tal-intelliġenza artifiċjali. Dawk is-soluzzjonijiet li ħadmu fil-passat mhux se jibqgħu jaħdmu fit-tul.

Irridu ninvestu dejjem aktar. Kemm bħala Gvern kif ukoll il-privat. U allura rridu ekonomija ferm aktar produttiva. Ekonomija li toħloq valur miżjud ferm aktar għoli. Irridu nsaħħu b'mod qawwi l-infrastruttura ta' pajjiżna ħalli din tirrispondi għall-bżonnijiet tal-poplu tagħna.

Irridu naħsbu dejjem aktar fit-tul.

Sur President,

Il-mudell ekonomiku tagħna tana riżultati tajbin.

Imma issa wasal iż-żmien li nagħtu spinta oħra.

U biex dan iseħħ irridu nkomplu nibdlu l-mod kif naħdmu.

Bil-miżuri mħabbra f'dan il-budget qed nibagħtu sinjali ċari.

Qed innaqqsu t-taxxa fuq in-negozji li jużaw il-profitti tagħhom biex ikomplu jinvestu. Fl-istess ħin qed nibagħtu sinjal ċar li rridu li titnaqqas id-dipendenza fuq aktar ħaddiema barranin.

Qed inżidu l-kontribut marbut mal-impjieg ta' ħaddiema minn pajjiżi terzi u mat-turiżmu, biex dawn l-attivitajiet jerfgħu sehem aktar ġust mill-ispejjeż li joħolqu, filwaqt li nħeġġu aktar investiment fit-teknoloġija, fil-produttività u fit-turiżmu ta' kwalità.

Dan proċess li jieħu fit-tul u mhux bidla li se taqleb kollox f'sena iżda jekk nibqgħu konsistenti b'din il-politika nemmen li se naraw il-bidla mixtieqa.

Dak il-mudell li serviena tajjeb sa mill-2013, irid jibqa' jevolvi biex iservina tajjeb fil-futur.

Se nevolvu l-mod kif tikber l-ekonomija tagħna, iżda mhux il-prinċipji li fuqhom bnejna s-suċċess tagħha, u għalhekk dan il-budget huwa wieħed mill-iktar importanti ta' dawn l-aħħar snin.

Sur President, hemm affarijiet li wasal iż-żmien li jinbidlu, u oħrajn li mhux se nħallu lil ħadd ibiddilhom.

Fuq nett tibqa' l-politika li nkomplu nipproteġu lill-familji Maltin u Għawdxin.

Se nkomplu nżommu stabbli l-prezzijiet tal-enerġija u tal-fjuwils.

Se nkomplu nnaqqsu t-taxxi.

Se nkomplu nżidu l-pensjonijiet.

U iva, se nwettqu l-wegħda tas-Super Bonus.

Qed nagħmlu dan għax konna bil-għaqal fil-finanzi tal-pajjiż u għax nemmnu li Gvern għandu jkun ta' tarka għall-poplu tiegħu.

Għal xhur sħaħ l-Oppożizzjoni ppruvat tbeżża' lill-familji dwar dak li kien ġej.

Illum għandhom it-tweġiba tagħhom.

Minflok sabu Budget ieħor reżiljenti, responsabbli u li jwettaq dak li jwiegħed.

Kellhom kull ċans fl-Oppożizzjoni li jipproponu viżjoni għal pajjiżna, x'se jagħmlu fuq il-ħaddiema barranin u joffru mudell differenti għall-futur.

Minflok, kellu jkun Gvern Laburista, fit-tlettax-il sena tiegħu fil-Gvern, li għal darba oħra jkun l-unika forza politika f'dan il-pajjiż li toffri s-soluzzjonijiet u sens ċar ta' direzzjoni.

Kellu jkun Gvern Laburista li, quddiem l-isfidi ta' hemm barra, jibqa' hu l-protettur tal-familji.

Iddiżappuntat bl-Oppożizzjoni, iżda mhux sorpriż – għaliex ma tistax tkun b'sieq 'l hawn u b'sieq 'l hemm.

Illum urejna li għandna l-kuraġġ inbiddlu dak li għandu jinbidel.

Għalhekk, komplu agħtuna s-saħħa biex ma nħallux il-biża' tirbaħ fuq it-tama.

**Għax bil-kuraġġ tagħkom, ipproteġejna lill-familji.**

**Bil-kuraġġ tagħkom, ħadna d-deċiżjonijiet diffiċli.**

**Bil-kuraġġ tagħkom, mhux se nogħtru quddiem il-maltemp.**

**Dak il-kuraġġ tajtuhulna intom f'Mejju li għadda. U aħna mhux se nittraduh.**

**Għax il-futur ta' pajjiżna mhux se jibnih min jibża' mill-bidla, iżda min ikollu l-kuraġġ iwettaqha.**

*STATEMENT A*

**DĦUL 2026: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL MIT-TAXXI** | | | | | | |
| Diretti - | Taxxa tad-Dħul | 3,482,000,000 | 3,835,000,000 | 353,000,000 | - | L-analiżi tax-xejriet u l-aspettativi ta' dħul turi li dħul akbar mistenni sal-aħħar tas-sena meta mqabbel ma' dak previst waqt il-preparazzjoni tal-budget u kif jidher ma' dak rivedut, b'riżultat tal-qagħda ekonomika. |
| | Sigurtà Soċjali | 1,838,000,000 | 1,845,000,000 | 7,000,000 | - | B'riżultat tal-qagħda ekonomika, mistenni jimmaterjalizza dħul akbar taħt il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali. |
| Indiretti - | Dwana u Sisa | 326,000,000 | 330,330,000 | 4,330,000 | - | Mistenni dħul akbar minn *Import Duty - Ad Valorem, Machine-Made Cigarettes* u *Cement*, filwaqt li inqas dħul hu mistenni prinċipalment minn *Petroleum* u *Mobile Telephone Services*. |
| | Liċenzji, Taxxi u Multi | 473,205,000 | 512,205,000 | 39,000,000 | - | Tnaqqis fid-dħul mistenni minn *Annual Circulation Licence Fee* li ser jiġi kkumpensat minn żieda fid-dħul minn *Gaming Taxes* u *Stamp Duty*. |
| | Taxxa fuq il-Valur Miżjud | 1,695,000,000 | 1,835,000,000 | 140,000,000 | - | Ix-xejriet tad-dħul juru li mistenni dħul akbar sal-aħħar tas-sena minn *Value Added Tax* meta mqabbel ma' dak previst waqt il-preparazzjoni tal-budget u kif jidher ma' dak rivedut. |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL MIT-TAXXI** | | **7,814,205,000** | **8,357,535,000** | **543,330,000** | | |

***STATEMENT A***

**DĦUL 2026: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL IEĦOR** | | | | | |
| Drittijiet ta' Uffiċċju | 88,959,000 | 113,218,000 | 24,259,000 | - | Il-kontributur ewlieni għaż-żieda fid-dħul ġejja minn *Fees of Office* meta mqabbel ma' dak previst waqt il-preparazzjoni tal-budget, minn *Residency Malta Agency* . |
| Bejgħ | 103,660,000 | 122,260,000 | 18,600,000 | - | Mistenni dħul akbar sal-aħħar tas-sena prinċipalment taħt *Revenue from Charging Pillars* , *Homes/Institutions for the Elderly* , *Sale of Government Lands* u *Proceeds from Auctioning of Emission Trading Units* . |
| Ħlas lura lid-Dipartimenti | 7,462,000 | 19,031,000 | 11,569,000 | - | Aġġustamenti kienu neċessarji biex jingħata akkont ta' tranżazzjonijiet li ġew effettwati matul is-sena. |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 0 | 10,000,000 | 10,000,000 | - | Iż-żieda fid-dħul ġejja prinċipalment mill-kontribuzzjoni tal-Bank Ċentrali ta' Malta. |
| Kera | 37,700,000 | 67,000,000 | 29,300,000 | - | Iż-żieda fid-dħul ġej minn *Temporary and Perpetual Leases* , *Rent of Commercial Tenements* , *Rent of Property occupied by Government Departments* u *Rent from Ex-Church Property (Joint Office)* . |

## *STATEMENT A*

## DĦUL 2026: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT

| SORS | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL IEĦOR (ikompli)** | | | | | |
| Profitti minn Investimenti | 55,400,000 | 65,500,000 | 10,100,000 | - | L-istima riveduta għas-sena tirrifletti d-dħul mistenni minn *Dividends* fil-Fond Konsolidat. |
| Interessi fuq self mogħti mill-Gvern | 1,276,000 | 1,276,000 | - | - | |
| Għotjiet Barranin | 300,000,000 | 300,000,000 | - | - | |
| Dħul Mixxellanju | 11,966,500 | 22,660,324 | 10,693,824 | - | Aġġustamenti kienu neċessarji biex jingħata akkont ta' tranżazzjonijiet li ġew effettwati matul is-sena. |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL IEĦOR** | **606,423,500** | **720,945,324** | **114,521,824** | | |
| **DĦUL TOTALI** | **8,420,628,500** | **9,078,480,324** | **657,851,824** | | |

***STATEMENT A***

**DĦUL 2026: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| SORS | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| **DĦUL MHUX ORDINARJU** | | | | | |
| Self | 1,900,000,000 | 1,900,000,000 | - | - | |
| Ħlas lura ta' self mogħti mill-Gvern | 2,784,000 | 6,652,000 | 3,868,000 | - | |
| Dħul minn bejgħ ta' ishma | 0 | 0 | - | - | |
| **DĦUL TOTALI MINN DĦUL MHUX ORDINARJU** | **1,902,784,000** | **1,906,652,000** | **3,868,000** | **-** | |
| **DĦUL GLOBALI** | **10,323,412,500** | **10,985,132,324** | **661,719,824** | **-** | |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2026: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 Uffiċċju tal-President | 6,428,000 | 5,770,000 | - | 658,000 | Mistennija spiża anqas sal-aħħar tas-sena taħt il-kategoriji tal-Personal Emoluments u tal-Operational and Maintenance Expenses. |
| 2 Kamra tad-Deputati | 15,295,000 | 15,295,000 | - | - | |
| 3 Uffiċċju tal-Ombudsman | 2,003,000 | 2,003,000 | - | - | |
| 4 Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika | 6,000,000 | 6,000,000 | - | - | |
| 5 Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika | 600,000 | 600,000 | - | - | |
| 6 Uffiċċju tal-Prim Ministru | 96,349,000 | 104,542,000 | 8,193,000 | - | Mistennija żieda fl-infiq fil-kategorija tal-Personal Emoluments, l-aktar taħt l-*Allowances*, kif ukoll f'dik tal-Operational and Maintenance Expenses, l-aktar taħt l-*Information Services* u *Contractual Services.* Parti min-nefqa mbassra se tkun ikkumpensata parzjalment min-nuqqas ta' spiża riżultat ta' tibdil f'items trasferiti taħt Ministeru ieħor wara t-tibdil fid-dekasteri Ministerjali aktar |
| 7 Informazzjoni | 1,706,000 | 1,881,000 | 175,000 | - | |
| 8 Stamperija tal-Gvern | 2,809,000 | 2,957,000 | 148,000 | - | |
| 9 Uffiċċju Elettorali | 5,951,000 | 17,884,000 | 11,933,000 | - | Spiża ogħla mistennija taħt il-kategorija tal-Programmes and Initiatives (*Electoral Commission Activities*) biex tkopri spejjeż relatati mal-Elezzjoni Ġenerali. |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2026: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 10 Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku | 1,066,000 | 1,069,000 | 3,000 | - | |
| 11 Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali | 2,766,000 | 3,016,000 | 250,000 | - | |
| 12 Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Turiżmu | 227,719,000 | 282,771,000 | 55,052,000 | - | Spiża ogħla hija mistennija fil-kategorija tal-Operational and Maintenance Expenses u dik tal-Contributions to Government Entities (*Malta Tourism Authority* ). |
| 13 Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet, u l-Gvern Lokali | 107,550,000 | 122,800,000 | 15,250,000 | - | Spiża ogħla hija mistennija taħt il-kategorija tal-Personal Emoluments (*Allowances* ), taħt il-kategorija tal-Programmes and Initiatives (*Malta Song for Europe* , *Charges on Property transferred from the Church* u *Digital Games* ) u taħt dik tal-Contributions to Government Entities (*Malta Film Commission* ). Qed tiġi mbassra wkoll żieda fin-nefqa fil-kategoriji tal-Programmes and Initiatives u dik tal-Contributions to Government Entities riżultat ta' tibdil f'items u *Cost Centres* trasferiti minn Ministeru ieħor wara t-tibdil fid-dekasteri Ministerjali aktar kmieni din is-sena. Parti min-nefqa mbassra se tkun ikkumpensata parzjalment min-nuqqas ta' spiża riżultat ta' tibdil f'items trasferiti taħt Ministeru ieħor |
| 14 Gvern Lokali | 64,401,000 | 75,901,000 | 11,500,000 | - | Spiża ogħla hija mistennija fil-kategorija tal-Programmes and Initiatives (*Allocation to Regional Committees* u *Allocation to Local Councils Association* ) biex tkopri spejjeż f'dan il-qasam. |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2026: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 15 Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal | 78,832,000 | 81,772,000 | 2,940,000 | - | Spiża ogħla hija mistennija taħt il-kategorija tal-Personal Emoluments (*Allowances*) u dik tal-Programmes and Initiatives (*Information Services* u *Contractual Services*). Fondi supplimentari huma meħtieġa ukoll sal-aħħar tas-sena taħt il-kategorija tal-Programmes and Initiatives (*Energy Support Measures*) wara ż-żieda fil-limitu tad-dħul għal koppji eliġibbli għal dan il-benefiċċju u taħt il-kategorija tal-Contributions to Government Entities (*Foundation for Social Welfare Services*) biex jirriflettu x-xejriet ta' spiża li qed joħorġu mill-impjegati fil-kariga u r-reklutaġġ approvat. |
| 16 Politika Soċjali | 622,688,000 | 620,924,000 | - | 1,764,000 | Spiża anqas mistennija taħt il-kategorija Programmes and Initiatives. |
| 17 Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali | 1,744,795,000 | 1,764,795,000 | 20,000,000 | - | Spiża ogħla mistennija biex tirrifletti n-numru ta' benefiċjarji li żdiedu matul is-sena. |
| 18 Pensjonijiet | 104,775,000 | 105,275,000 | 500,000 | - | Spiża ogħla mistennija biex tirrifletti n-numru ta' pensjonanti matul is-sena. |
| 19 Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali | 70,328,000 | 81,703,000 | 11,375,000 | - | Fondi supplimentari huma meħtieġa taħt il-kategoriji tal-Personal Emoluments taħt *Allowances,* u dik tal-Operational and Maintenance Expenses (*Contractual Services*) kif ukoll taħt il-kategorija tal-Programmes and Initiatives (*Agriculture and Fisheries Fairs*, *Temporary Price Stabilization Schemes*, *Animal Welfare Initiatives* u *School Food Scheme)*. Mistennija wkoll żieda fl-ispiża taħt il-kategorija tal-Contributions to Government Entities (*Malta Food Agency*). |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2026: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 20 Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli | 81,433,000 | 99,026,000 | 17,593,000 | - | Mistennija nefqa akbar taħt *Housing Programmes* u *Grant for First Time Buyers* fil-kategorija tal-Programmes and Initiatives. Qed tiġi mbassra wkoll żieda fin-nefqa fil-kategorija tal-Contributions to Government Entities minħabba t-trasferiment tal-*Lands Authority* u l-*Land Registration Agency* minn Ministeru ieħor wara t-tibdil fid-dekasteri Ministerjali wara l-Elezzjoni Ġenerali. |
| 21 Ministeru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi | 60,772,000 | 66,188,000 | 5,416,000 | - | Mistennija nefqa akbar taħt il-kategorija tal-Programmes and Initiatives (*Malta Digitali*, *E-Sport Policy* u *AI and IOT Projects*) u taħt dik tal-Contributions to Government Entities (*Malta* |
| 22 Kummerċ | 2,208,000 | 2,552,000 | 344,000 | - | |
| 23 Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat | 68,919,000 | 69,749,000 | 830,000 | - | Spiża ogħla mistennija taħt il-kategorija tal-Contributions to Government Entities (*Sapport*). |
| 24 Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar | 94,538,000 | 100,152,000 | 5,614,000 | - | Spiża ogħla mistennija taħt il-kategorij tal-Personal Emoluments u tal-Operational and Maintenance Expenses (*Utilities*). |
| 25 Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol | 175,130,000 | 153,742,000 | - | 21,388,000 | Mistennija spiża anqas taħt il-kategoriji tal-Programmes and Initiatives u tal-Contributions to Government Entities riżultat ta' tibdil f'items trasferiti minn Ministeru ieħor wara t-tibdil fid-dekasteri Ministerjali aktar kmieni din is-sena. |
| 26 Forzi Armati ta' Malta | 100,609,000 | 105,459,000 | 4,850,000 | - | Mistennija spiża ogħla taħt il-kategoriji tal-Personal Emoluments (*Allowances*) u dik tal-Operational and Maintenance Expenses (*Contractual Services*). |
| 27 Pulizija | 126,557,000 | 129,720,000 | 3,163,000 | - | Qed tiġi mbassra nefqa akbar taħt il-kategorija tal-Personal Emoluments. |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2026: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 28 Probation and Parole | 1,988,000 | 2,137,000 | 149,000 | - | |
| 29 Protezzjoni Ċivili | 18,345,000 | 19,223,000 | 878,000 | - | Qed tiġi mbassra żieda fin-nefqa taħt il-kategorija tal-Personal Emoluments (*Allowances*) sal-aħħar tas-sena riżultat tal-iffirmar ta' ftehim kollettiv ġdid. |
| 30 Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u Ndafa Pubblika | 470,327,000 | 671,292,000 | 200,965,000 | - | Mistennija spiża ogħla taħt il-kategoriji tal-Personal Emoluments (*Allowances*), dik tal-Programmes and Initiatives (*Domestic Battery Storage Energy Efficiency Schemes*, *Energy Support Measures* u *Jet A1 Security Stock Obligations*), kif ukoll taħt il-kategorija tal-Contributions to Government Entities (*Project Green*). |
| 31 Ambjent Malta | 21,939,000 | 21,369,000 | - | 570,000 | Mistennija spiża anqas taħt il-kategoriji tal-Personal Emoluments u dik tal-Programmes and Initiatives. |
| 32 Ministeru għall-Finanzi | 337,731,000 | 371,606,000 | 33,875,000 | - | Spiża ogħla mistennija taħt il-kategorija tal-Operational and Maintenance Expenses (*Contractual Services*), taħt *Residual Balance Fund Committee*, *EU Own Resources*, *Court Judgements* u *National Airline Restructuring Assistance* li jaqgħu taħt il-Programmes and Initiatives, kif ukoll *Malta Statistics Authority* li hija parti mill-kategorija tal-Contributions to Government Entities. |
| 33 Politika Ekonomika | 2,179,000 | 2,456,000 | 277,000 | - | |
| 34 It-Teżor | 45,900,000 | 51,361,000 | 5,461,000 | - | Spiża ogħla mistennija taħt il-kategorija tal-Programmes and Initiatives (*Expenses linked to the issuance of Malta Government Stocks* u *Tax Relief Measure*). |

***STATEMENT B***

**NEFQA RIKORRENTI 2026: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 35 Ħlasijiet fuq Self | 1,330,199,000 | 1,319,965,000 | - | 10,234,000 | L-ispiża taħt l-items *Local Borrowing - Interest* (*MGS* u *Other Local Loans* ) ġiet aġġustata kif applikabbli. |
| 36 Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta | 56,047,000 | 61,202,000 | 5,155,000 | - | Spiża ogħla mistennija taħt il-kategorija tal-Personal Emoluments (*Allowances* ) kif ukoll taħt il-Programmes and Initiatives (*Refunds under the VAT/CET* u *Expenditure Reporting Schemes* ). |
| 37 Kuntratti | 3,777,000 | 4,375,000 | 598,000 | - | Mistenni li jkun hemm żieda fl-ispiża fil-kategorija tal-Personal Emoluments (*Allowances* ). |
| 38 Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni | 587,270,000 | 582,169,000 | - | 5,101,000 | Mistennija spiża anqas taħt il-kategorija tal-Programmes and Initiatives prinċipalment minħabba l-allokazzjoni tal-*Assistance to Private Schools* . |
| 39 Edukazzjoni | 508,894,000 | 527,865,000 | 18,971,000 | - | Spiża ogħla mistennija taħt il-kategorija tal-Personal Emoluments. Spiża ogħla mistennija taħt il-kategorija tal-Operational and Maintenance Expenses (*Rent* u *Contractual Services* ) u dik tal-Programmes and Initiatives (*Extension of School Transport* |
| 40 Ministeru għall-Fondi Ewropej u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali | 13,046,000 | 17,094,000 | 4,048,000 | - | Spiża ogħla mistennija taħt il-kategorija tal-Programmes and Initiatives u dik tal- Contributions to Government Entities riżultat ta' tibdil f'items trasferiti minn Ministeru ieħor wara t-tibdil fid-dekasteri Ministerjali aktar kmieni din is-sena. |
| 41 Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni | 86,705,000 | 90,378,000 | 3,673,000 | - | Spiża ogħla mistennija taħt l-item tal-*Court Services Agency* li jaqa' taħt il-kategorija tal-Contributions to Government Entities biex tkopri spejjeż sal-aħħar tas-sena. |

*STATEMENT B*

**NEFQA RIKORRENTI 2026: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | BIDLA - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| 42 Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva | 1,240,546,000 | 1,267,501,000 | 26,955,000 | - | Spiża ogħla mistennija taħt il-kategorija tal-Personal Emoluments (*Allowances*) taħt l-Operational and Maintenance Expenses (*Contractual Services*) u kif ukoll taħt il-kategorija tal-Programmes and Initiatives (*Medicines and Surgical Materials*). |
| 43 Anzjanità Attiva | 337,599,000 | 412,259,000 | 74,660,000 | - | Spiża ogħla mistennija taħt il-kategorija tal-Personal Emoluments, taħt l-Operational and Maintenance Expenses (*Contractual Services*) u kif ukoll taħt il-kategorija tal-Programmes and Initiatives (*Residential Care in Private Homes*, *Home Care/Help Services Scheme* u *St.Vincent de Paule Residence Service Contract*). |
| 44 Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi | 208,754,000 | 262,139,000 | 53,385,000 | - | Qed tiġi mbassra nefqa akbar taħt il-kategorija tal-Personal Emoluments (*Salaries and Wages* u *Allowances*) u taħt l-Operational and Maintenance Expenses (*Professional Services*). Spiża ogħla mistennija wkoll taħt il-kategorija tal-Programmes and Initiatives (*Transport Malta - Administrative Fee*, *Grant for Electric Vehicles* u *Barrakka Lift Contribution*). Nefqa akbar hija wkoll imbassra taħt *Jobsplus* u items relatati mal-aġenzija kemm taħt il-kategorija tal-Programmes and Initiatives kif ukoll taħt dik tal-Contributions to Government Entities, (*Child Care for All*, *Jobsplus Programmes* u *Payment to Atypical Workers*), li ġew trasferiti minn Ministeru ieħor wara t-tibdil fid-dekasteri Ministerjali aktar kmieni |
| **NEFQA RIKORRENTI TOTALI U ĦLASIJIET FUQ SELF** | **9,143,473,000** | **9,707,937,000** | **564,464,000** | **-** | |

***STATEMENT Ċ***

**NEFQA KAPITALI 2026: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|
| I Uffiċċju tal-President | 580,000 | 680,000 | 100,000 | - | Hija antiċipata spiża akbar taħt *Property, Plant and Equipment.* |
| II Kamra tad-Deputati | 1,174,000 | 1,174,000 | - | - | |
| III Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika | 1,200,000 | 1,200,000 | | | |
| IV Uffiċċju tal-Prim Ministru | 57,945,000 | 49,707,000 | - | 8,238,000 | Mistennija spiża akbar taħt *Property, Plant and Equipment* (*Ministry*), waqt li hija antiċipata spiża anqas taħt *MITA Services*, *ICT-Software* u *ICT-Support* (*Ministry*), u taħt *Address Register* (*Electoral Office*). |
| V Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu | 11,669,000 | 12,919,000 | 1,250,000 | - | Parti mill-ispiża akbar mistennija taħt *Property, Plant and Equipment* (*Ministry*) se tkun ikkumpensata bi spiża anqas taħt *ICT Software*. |
| VI Ministeru għall-Kultura, l-Artijiet u l-Gvern Lokali | 72,062,000 | 120,279,000 | 48,217,000 | - | Mistennija spiża akbar taħt *Lands Authority - Acquisition of Property for Public Purposes* (*Manoel Island*). |
| VII Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal | 7,992,000 | 7,953,000 | - | 39,000 | |
| VIII Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali | 46,738,000 | 46,789,000 | 51,000 | - | Mistennija spiża akbar taħt *Property, Plant and Equipment - Malta Food Agency*. |

***STATEMENT Ċ***

**NEFQA KAPITALI 2026: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| IX | Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli | 241,000 | 1,825,000 | 1,584,000 | - | Mistennija spiża akbar taħt *Lands Authority - Repairs to Government Tenaments* u *Property Plant and Equipment - Land Registration Agency* li qabel kienu taħt Ministeru ieħor. |
| X | Ministeru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi | 80,707,000 | 75,895,000 | - | 4,812,000 | Spiża anqas hi mistennija taħt *Malta Enterprise* . |
| XI | Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat | 6,371,000 | 7,316,000 | 945,000 | - | Mistennija spiża akbar taħt *EU funded Projects for NGO's* , *ICT-Software* , (*Ministry* ) u *Aġenzija Sapport.* |
| XII | Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar | 27,544,000 | 29,470,000 | 1,926,000 | - | Mistennija spiża netta akbar relatata mal-proġetti tal-*Eco-Gozo* u *Gozo Museum* . |
| XIII | Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol | 90,484,000 | 80,912,000 | - | 9,572,000 | Spiża akbar hi riżultat tat-tibdil fil-portafoll Ministerjali fir-rigward ta' *Identity Malta Agency* . |
| XIV | Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u Ndafa Pubblika | 274,767,000 | 263,181,000 | - | 11,586,000 | Mistennija spiża anqas taħt *Urban Greening* projects, li hi kkumpensata bi spiża akbar taħt *Water Services Corporation - Contribution towards Capital projects* . |
| XV | Ministeru għall-Finanzi | 21,654,000 | 31,168,000 | 9,514,000 | - | Mistennija spiża akbar taħt *Investment - Equity Acquisition* . |
| XVI | Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni | 99,916,000 | 108,423,000 | 8,507,000 | - | Iż-żieda prinċipali fin-nefqa mistennija taħt proġetti relatati ma' *Ħal Far Race Track* . |

***STATEMENT Ċ***

**NEFQA KAPITALI 2026: ESTIMU RIVEDUT IMQABBEL MAL-ESTIMU APPROVAT**

| | VOT | ESTIMU APPROVAT € | ESTIMU RIVEDUT € | BIDLA + € | - € | RIMARKI |
|---|---|---|---|---|---|---|
| XVII | Ministeru għall-Fondi Ewropej u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali | 58,084,000 | 57,983,000 | - | 101,000 | Mistennija spiża anqas riżultat tat-tibdil fil-portafoll Ministerjali taħt *Casa Leoni Restoration* u *Property, Plant and Equipment - Malta Competition and Consumer Affairs Authority* . |
| XVIII | Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni | 7,255,000 | 14,853,000 | 7,598,000 | - | Mistennija żieda fin-nefqa taħt *Property, Plant and Equipment* . |
| XIX | Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva | 106,686,000 | 112,027,000 | 5,341,000 | - | Spiża akbar hija antiċipata taħt *Property, Plant and Equipment* (*Institutional Health Care, Mater Dei Hospital* u *Paola Secondary Health Services* ) u li din se tiġi ikkumpensata b'mod parzjali b'inqas nefqa taħt *ICT-Support* . |
| XX | Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi | 150,495,000 | 155,546,000 | 5,051,000 | - | Nefqa akbar mistennija taħt *Reconstruction of Lascaris Wharf* , *Enhancement of Public Areas* u *Town Centre Management Paceville* . Parti minn din iż-żieda fin-nefqa se tkun ikkumpensata b'nefqa anqas taħt *Ta' Qali National Park* . |
| | **NEFQA KAPITALI TOTALI** | **1,123,564,000** | **1,179,300,000** | **55,736,000** | **-** | |